ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# KULTURA SOĊJETÀ KNISJA

sinodu MALTA

Dokument tas-Sinodu Djoċesan

# Kultura Soċjetà Knisja

## L-Esperjenza ta' l-Arjopagu

(Atti 17,16-34)

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 14 - 9

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ


Preżentazzjoni v

Kap I
Kultura u Knisja 1

Kap II
Influwenzi fuq il-kultura Maltija u sfidi importanti għall-Knisja 10

Kap III
Il-Knisja u l-oqsma tal-politika u ta' l-ekonomija 22

Kap IV
Il-Knisja u t-turiżmu 30

Kap V
Il-Knisja u l-edukazzjoni 33

Kap VI
Il-Knisja u x-xjenza 39

Kap VII
Il-Knisja u l-ambjent 47

Kap VIII
Il-Knisja u l-wirt kulturali 53

Kap IX
Il-formazzjoni teoloġika tal-kleru u tal-lajċi 68

Kap X
Konklużjoni 80

# PREŻENTAZZJONI

Il-Knisja f'Malta tħares lejn il-kultura tal-poplu bħala waħda mid-dimensjonijiet ewlenin għall-ħidma pastorali tagħha. Dan id-dokument jitkellem fuq l-isfida ewlenija għall-Knisja llum li twassal lil Kristu b'modi ġodda u aġġornati u b'lingwa relevanti u li tinftiehem min-nies.

San Pawl wera dan fl-Arjopagu f'Ateni (ara Atti 17,16-34), fejn għaraf jiffoka fuq dak li ra pożittiv fil-kultura pagana biex fuqu jibni l-messaġġ ta' l-Evanġelju li ried iwassal. Kif Pawlu għaraf jaqra s-sinjali ta' żmienu, hekk ukoll issa l-Knisja f'Malta trid tinterpreta l-polz tal-kultura Maltija. Din il-kultura tesprimi ruħha f'diversi fenomeni. Il-Knisja trid tagħraf f'dawn sfida u opportunità għal ħidma sfiqa.

Id-dokument jitkellem fuq erba' sfidi importanti għall-Knisja fid-dawl ta' influwenzi fuq il-kultura Maltija. Juri wkoll kif il-Knisja tista' twieġeb għal dawn l-isfidi, fi spirtu ta' djalogu. Dawn l-isfidi huma l-*media, Paceville*, il-pluraliżmu reliġjuż u l-avvanz tal-mara.

F'kapitli differenti mbagħad, id-dokument jittratta oqsma ta' impenn għall-Knisja fil-kultura u s-soċjetà Maltija.

(i) Il-politika u l-ekonomija. F'dawn l-oqsma, l-insara huma msejħin biex jiddedikaw ruħhom b'mod intelliġenti, kompetenti, onest u b'sens ta' servizz u biex jagħtu xhieda ħajja tal-valuri li jmorru 'l hinn mill-ħtiġijiet politiċi u ekonomiċi.

(ii) It-turiżmu, li hu aġent ta' influwenza fuq il-Maltin, u li jista' jkun art tajba għal inizjattivi pastorali ġodda.

(iii) L-edukazzjoni. Dan hu kamp ta' importanza kbira u l-Knisja għandha tradizzjoni twila ta' rabta ma' dan il-kamp. Matul is-Sinodu ħareġ ċar li dan il-qasam jeħtieġ riflessjoni u approfondiment akbar. Id-dokument jagħmel enfasi fuq il-valur

tal-proċess edukattiv, fuq il-formazzjoni f'dan il-qasam u fuq l-għażla preferenzjali għall-fqar.

(iv) Il-qasam xjentifiku, fejn hemm żviluppi b'pass mgħaġġel. F'dan il-qasam, il-valur ċentrali hu d-difiża tal-ħajja f'kull stadju tagħha. In-nies iħarsu lejn il-Knisja għal direzzjoni ċara f'diversi sitwazzjonijiet ta' konflitt li jinħolqu f'dan il-qasam, għax dak li hu xjentifikament possibbli mhux dejjem moralment tajjeb.

(v) L-ambjent. Il-bniedem illum qed isir ħafna aktar konxju mill-ġmiel tal-ħolqien u l-apprezzament ta' l-ambjent. Il-Knisja trid tkun minn ta' quddiem fl-edukazzjoni għall-ħarsien ta' l-ambjent għall-ġid tal-bniedem illum u l-ġenerazzjonijiet futuri.

(vi) Il-wirt kulturali. Il-gżejjer Maltin huma għonja fil-wirt artistiku u storiku, li ħafna minnu jappartjeni lill-Knisja. Il-Knisja għandha d-dmir li tħarsu mill-aħjar li tista' u li teduka lin-nies f'dan ir-rigward.

(vii) Il-formazzjoni tal-kleru u tal-lajċi. Hi meħtieġa formazzjoni solida u profonda, kontinwa u aġġornata għall-insara kollha Maltin. Din hi essenzjali biex jista' jseħħ tassew id-djalogu mal-kultura u s-soċjetà ta' llum.

Fid-dawl ta' din ir-riflessjoni, id-dokument jagħmel diversi proposti, fosthom li jitwaqqfu Kummissjoni "Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa", Kummissjoni Kultura, Kunsill tax-Xjenza u Kummissjoni Ambjent.

Is-sejħa tas-Sinodu hi li, fi żmien ta' bidliet mgħaġġla fis-soċjetà u quddiem l-isfidi qawwija li toffri l-kultura llum, il-Knisja tfittex u tara kif tikxef modi ġodda ta' kif twassal il-messaġġ ta' l-Evanġelju.

It-triq hija dejjem dik li Kristu wera: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira" (Mt 13,33). Bħal ħmira, il-Knisja trid taħdem fuq l-għaġna minn ġewwa u ssir ħaġa waħda magħha biex tista' tibdilha mill-qiegħ.



## Kap I

# KULTURA U KNISJA

## X'qed nifhmu b'kultura

1

"Il-kultura nistgħu nqisuha bħala l-kumpless sħiħ tal-karatteristiċi spiritwali, materjali, intellettwali u emozzjonali li jsawru soċjetà jew grupp soċjali. Tinkludi mhux biss l-arti u l-letteratura, iżda wkoll il-mod kollu ta' ħajja, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, sistemi ta' valuri, twemmin, tradizzjonijiet, kostumi, u l-bqija."[1]

"Hi l-kultura li tagħti lill-bniedem il-ħila li jirrifletti fuqu nnifsu. Hi l-kultura li tagħmilna speċifikament bnedmin, esseri razzjonali, mogħnija b'ġudizzju kritiku u sens ta' impenn morali. Hu permezz tal-kultura li niddixxernu valuri u nagħmlu għażliet. Hu permezz tal-kultura li l-bniedem jesprimi ruħu, isir konxju tiegħu nnifsu, jagħraf il-potenzjalitajiet u l-limitazzjonijiet tiegħu, jgħarbel is-suċċessi tiegħu, jistinka biex isib tifsiriet ġodda għal ħajtu u saħansitra joħloq opri li fihom u bihom jilħaq lil hinn mil-limiti tiegħu."[2]

## Ħames dimensjonijiet distinti

2

Il-Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et Spes* tal-Konċilju Vatikan II, filwaqt li tirrikonoxxi li l-bniedem ma jistax jikseb umanità awtentika jekk mhux permezz tal-kultura, tagħżel fil-kunċett ta' kultura ħames dimensjonijiet distinti:

(i) il-kultivazzjoni tat-talenti intellettwali u fiżiċi tal-bniedem;

(ii) il-manipulazzjoni tal-qawwiet tan-natura bir-riċerka u studju, l-aktar dawk teknoloġiċi u xjentifiċi;

[1] Mid-dokument finali li ħarġet l-UNESCO wara konferenza fil-Messiku fl-1982.

[2] J. Gremillion (ed.), *The Church and Culture since Vatican II*, Notre Dame 1985, 19.

(iii) l-isforz tal-bniedem biex jumanizza s-soċjetà li jgħix fiha u l-ħajja familjari;
(iv) l-espressjoni spiritwali tat-tamiet l-aktar profondi tal-bniedem u, allura, it-tagħniqa tad-dinja ta' l-arti mal-fidi reliġjuża;
(v) il-preservazzjoni u l-komunikazzjoni ta' viżjonijiet ta' ħajja li jispiraw lill-umanità biex tibqa' tħares 'il quddiem u, allura, dak l-aspett tal-kultura li jittrasmetti valuri ta' l-imgħoddi għall-ġejjieni.[3]

## L-evanġelizzazzjoni tal-kultura

3

Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet ta' l-1974, bit-tema ta' l-evanġelizzazzjoni, u t-test ta' l-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* tal-Papa Pawlu VI li ħareġ minnu, swew biex tingħata fil-Knisja l-attenzjoni mistħoqqa lill-evanġelizzazzjoni tal-kultura. Saret enfasi fuq tliet prinċipji fundamentali, jiġifieri:

(i) it-trasformazzjoni tal-kulturi titlob li l-problema tiġi attakkata minn għeruqha;
(ii) l-Evanġelju hu indipendenti mill-kulturi kollha; ma hu inkompatibbli ma' l-ebda waħda minnhom iżda l-messaġġ tas-Saltna mnedija fih irid jingħex fir-realtajiet tad-diversi kulturi; tirriżulta minn dan il-ħtieġa li l-Evanġelju jippenetra l-kultura mingħajr ma jsir suġġett għaliha;
(iii) it-traġedja ta' żmienna hi l-firda li nħolqot bejn il-kultura moderna u l-Evanġelju; dimensjoni essenzjali tal-ħidma tal-Knisja trid tkun il-fejqan ta' din id-dikotomija.[4]

Minn wara l-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument ċentrali, il-ħidma sfiqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-qasam tal-fidi u kultura ma waqfitx. B'mod

[3] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 53.

[4] Ara Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), 18-19.

partikulari, bi kliem dirett proprju lill-Knisja f'Malta, irid jissemma dak li qal il-Papa fl-indirizz tiegħu lin-"nies tal-kultura" f'San Ġiljan fl-1990. Filwaqt li ħeġġiġhom jirriflettu "fuq l-istat preżenti tal-kultura u ċ-ċiviltà tagħna", il-Papa żied: "Fi żmien ta' bidliet ideoloġiċi u politiċi ta' medda wiesgħa ħafna, ta' żbilanċi perikolużi fl-ekonomija tad-dinja, ta' avvanzi kultant iħassbuk fix-xjenza u fit-teknoloġija, aħna ninsabu quddiem problema taħraq li tilma b'mod qawwi fuq ix-xefaq tal-millennju l-ġdid... Għal soċjetajiet mhedda b'nuqqas ta' sigurtà, b'każi ta' degradazzjoni drammatika ta' l-ambjent, b'qgħad endemiku, b'inċertezza politika, il-mistoqsija li ddur madwarna u li jagħmlilna l-ġejjieni hija din: x'se jsir mill-persuna umana?"[5]

F'erba' kelmiet, il-Papa fasslilna pjan ta' azzjoni għall-ġejjieni u li nagħmlu tajjeb li qed nindirizzaw f'dan is-Sinodu. It-tweġiba għall-mistoqsija jipproponiha l-Papa nnifsu f'kitba oħra tiegħu: it-triq li trid tieħu l-Knisja biex twassal l-Aħbar it-Tajba u terfa' minn xagħarha lill-persuna umana hi dik ta' "l-immersjoni ta' l-Evanġelju fil-fond tal-qalba tal-kultura u tal-kulturi".[6]

## Il-ħtieġa ta' inkulturazzjoni

4

Il-Knisja f'Malta hija bla ebda dubju l-fil l-aktar kostanti tal-kultura Maltija kif inhi magħġuna ħaġa waħda mas-soċjetà Maltija. Minkejja dan, tista' titqarraq jekk taħseb li l-problemi tagħha ma jinkludux l-inkulturazzjoni bħalma tħabbat wiċċha magħha l-Knisja f'artijiet hekk imsejħa "tal-missjoni". Għax l-inkulturazzjoni mhix biss l-adattazzjoni għal-lingwa u l-kostumi tal-lokal. Hi l-iżvilupp ta' sensitivitajiet ġodda, ta' prijoritajiet u ta' għanijiet ġodda fil-proċess sħiħ ta' evanġelizzazzjoni. Tinvolvi għarfien ġdid tad-dinjità u d-diversità tal-kurrenti diversi fil-kultura, li tagħraf il-preżenza ta' l-azzjoni ta' l-Ispirtu fil-kultura, li tkun profondament konxja

5 *Pietru fil-Gżira ta' Pawlu*, II, Malta 1990, 41.

6 Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi Tradendae* (16 ta' Ottubru 1979), 53.

li l-evanġelizzazzjoni hu proċess ta' arrikkiment reċiproku u ta' konverżjoni doppja – kemm ta' min qed jiġi evanġelizzat kif ukoll ta' min qed jevanġelizza. Min qed jevanġelizza qed jiġi sfidat kontinwament mill-kultura ta' min qed jiġi evanġelizzat.

## Ħmira li tittrasforma l-għaġna

5

Għaldaqstant, l-evanġelizzazzjoni ssir minn ġol-kultura nnifisha li qed tiġi evanġelizzata u allura ssir b'mod ħafna aktar radikali, permanenti u effettiv. Ix-xbieha ma tibqax aktar dik tal-fuħħar li jsawwar xi bieqja mit-tafal iżda aktarx dik evanġelika tal-ħmira li tittrasforma l-għaġna mis-sustanza stess tagħha. Tabilħaqq, "is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira" (Mt 13,33).[7] Dan il-proċess ta' inkulturazzjoni mhux għajr it-tkomplija u t-temmija min-naħa tal-Knisja ta' dak li beda Alla nnifsu meta, bl-Inkarnazzjoni, twaħħad ma' l-umanità mitlufa u, bħal ħmira, bidilha minn ġewwa bil-ħajja, il-mewt u l-qawmien tiegħu.[8]

## Bħal Pawlu fl-Arjopagu

6

Quddiem dawn l-isfidi, li wara kollox m'humiex daqshekk moderni għax ġa nilmħuhom fin-nies ta' Ateni fl-ewwel seklu, it-tweġiba tal-Knisja ma tistax tkun għajr dik ta' Pawlu fl-Arjopagu. Minkejja l-istmellija li ħass fil-bidu – "Pawlu kien jitbaqbaq fih innifsu hu u jara l-belt mimlija idoli" (Atti 17,16), belt b'kultura sofistikata u superfiċjali li stmatu ta' xi pappagall "lablabi" (Atti 17,18) – Pawlu seħħlu jiddixxerni sew il-kultura tagħhom u jgħaddi mill-apparenzi għall-esperjenza umana fundamentali tax-xenqa għat-traxxendent (Atti 17,28).

7 Ara d-dokumenti tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni*, 37; *Lajċi Nsara*, 50.

8 Dwar is-sisien teoloġiċi għall-kunċett ta' inkulturazzjoni, ara l-kliem tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Eżortazzjoni Appostolika *Ecclesia in Africa* (14 ta' Settembru 1995) li ħareġ mis-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar l-Afrika f'April-Mejju 1994, nn. 59, 60 *et passim*.

L-attitudni tal-Knisja, bħal ta' Pawlu, ma tridx tkun waħda ta' suspett u superjorità, imma trid titħabat biex taqbad l-esperjenza umana, tidħol fi djalogu billi tagħraf dak li huwa pożittiv fil-kultura u tibqa' fidila għall-missjoni li taha Kristu billi tibqa' turi b'mod ċar dak li jagħmel ħsara lis-soċjetà.[9] Dan ifisser li l-Knisja m'għandhiex ittalla' barrikati, tgħajjat li hemm għadu, tilmaħ assedju, takkuża lil min jaħsibha differenti bħala profeta falz u ħażin, imma għall-kuntrarju tfittex dak li hu pożittiv fil-kultura u tibni fuqu fi spirtu ta' djalogu. Trid ukoll, naturalment, twettaq il-missjoni profetika tagħha bl-ikbar rispett lejn il-persuni imma b'rispett ukoll mhux mittiefes lejn il-verità.

## Il-Knisja f'Malta u s-soċjetà Maltija

**7**

Bil-kelma "soċjetà Maltija" wieħed jifhem hawnhekk "il-persuni li jgħixu fil-gżejjer Maltin" li m'humiex biss Maltin, imma wkoll barranin, kemm dawk li jħaddnu l-fidi Kattolika u kemm oħrajn. Hemm diversi mistoqsijiet li jqumu b'mod naturali f'dan il-kuntest. Is-soċjetà Maltija kif tħares lejn il-Knisja? U kif tipproġetta lilha nnifisha l-Knisja f'dawn il-gżejjer? U, fl-aħħarnett, il-Knisja f'Malta kif tista' tibqa' rilevanti għas-soċjetà Maltija f'dan iż-żmien u 'l quddiem?

## Il-Knisja bħala l-għajn ta' tagħlim dwar Kristu u t-triq tas-Sewwa

**8**

L-opinjoni li għandha s-"soċjetà Maltija" dwar il-Knisja li hi f'Malta llum m'għadhiex waħda omoġenja.[10] B'mod ġenerali, iżda, il-poplu Malti għadu

[9] Ara Kunsill Pontifiċju għall-Kultura, *Towards a Pastoral Approach to Culture* (23 ta' Mejju 1999), 1-5.

[10] Ara A.M. Abela, *Values of Women and Men in the Maltese Islands. A Comparative European Perspective*, Malta 2000, Kap. 5. Minn dan l-istudju joħroġ fost l-oħrajn li, għalkemm ħafna jiddikjaraw li għandhom fiduċja fil-Knisja (219), huma bosta dawk li ma jħossuhomx sodisfatti bil-mod ta' kif, fost l-oħrajn, il-Knisja titkellem u tittratta problemi soċjali (174-5, 178).

jħares lejn il-Knisja bħala dik li tgħallem fuq Kristu u li tmexxi n-nies fit-triq li twassal għas-salvazzjoni.

Bil-mod kif tipproġetta ruħha u bil-mod kif topera, il-Knisja trid turi li l-messaġġ tagħha qiegħed għal kulħadd, għax kulħadd għandu bżonn salvazzjoni. Billi aħna lkoll pellegrini fit-triq lejn dar il-Missier, m'hemmx aktar min diġà wasal, u min għad irid jasal, min diġà jaf, u min għad irid jitgħallem. Il-Knisja trid tagħraf li anki hi dgħajfa, anki hi tgħaddi minn żmien ta' dlam, anki hi għandha l-feriti tagħha x'iddewwi bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu.

Fl-istess ħin, il-Knisja trid tkompli tisħaq mal-poplu Malti kollu r-rilevanza tal-messaġġ tagħha. F'dan is-sens trid tkun protagonista, jiġifieri turi d-dawl ta' Kristu u twassal il-fejqan u s-salvazzjoni tiegħu, skond kif titlob din l-epoka ġdida. Il-Knisja għandha tkun dejjem aktar miftuħa – għandha tkompli tgħin lill-bniedem iwieġeb għall-mistoqsijiet il-kbar marbuta ma' l-eżistenza tiegħu u mas-sehem tiegħu fil-familja umana kiex ikompli jiskopri l-iskop ta' dan kollu fil-qafas tal-pjan ta' Alla.

Wieħed jagħraf li saru passi kbar minn wara l-Konċilju Vatikan II u ttieħdu bosta inizjattivi minn ħafna organizzazzjonijiet biex il-Knisja tkompli twassal il-messaġġ rilevanti tagħha. Iżda għad hemm ħafna x'isir.

## Knisja li tħares 'il barra mhux 'il ġewwa

9

Il-Knisja f'Malta kienet pijuniera fejn tidħol il-kura ta' dawk li huma mwarrbin mis-soċjetà. Il-Knisja kienet minn ta' l-ewwel biex ħolqot tweġiba għall-problema tad-droga u għall-problemi fiż-żwieġ. Għad għandha f'idejha responsabbiltà kbira fil-kura ta' tfal minn familji b'varjetà ta' diffikultajiet serji, ta' nies mingħajr appoġġ ta' familja, ta' anzjani, ta' persuni b'diżabilità u bosta xogħol ieħor bħal dan. Madankollu, qatt ma tista' tgħid li qed tagħmel biżżejjed; jeħtieg li jsir studju aktar fil-fond biex jinqraw is-sinjali

taż-żminijiet u naraw fejn l-aktar hemm ħtiega u liema proġetti u ħidmiet pastorali ġodda jridu jitwettqu.

Is-sinjali taż-żminijiet ma jiġux biss mis-sema. Aħna nilmħu s-sinjali ta' Alla fil-ġrajjiet li jseħħu fid-dinja, għaliex id-dinja hi ħolqien ta' Alla, u fiha hemm moħbi l-pjan tiegħu. Fl-uġigħ ta' tant nies hemm l-uġigħ ta' Alla u Alla qiegħed jitkellem f'dan l-uġigħ. Qiegħed ikellem lill-Knisja. Għalhekk, il-Knisja trid tkun mal-bniedem f'dan kollu u tkompli toffrilu t-tama li hu Ġesù Kristu.

Il-Knisja trid dejjem tgħarbel lilha nnifisha, il-pastorali tagħha u l-metodi li tuża, biex kull persuna, f'kull sitwazzjoni tal-ħajja u f'kull sitwazzjoni morali, tħoss li hija milqugħa u megħjuna. Dan għandu jsir ukoll f'forom ta' pastorali ta' diversi oqsma speċjalizzati.

Fl-istess ħin il-Knisja hija fid-dmir li turi t-toroq żbaljati kemm lil dawk fi ħdanha u kemm lil dawk barra minnha, filwaqt li tibqa' teżamina x'inhu li qed iwassal għal dawn is-sitwazzjonijiet. Kif jgħid San Pawl lill-Galatin: "Jekk xi ħadd jinqabad f'xi ħtija, intom li intom spiritwali, widdbuh bi spirtu ta' ħlewwa; oqogħdu attenti li ma tkunux imġarrba intom ukoll. Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu" (Gal 6,1-2).

## Il-Knisja u komunitajiet insara oħra

10

F'Malta l-Knisja Kattolika hija l-Knisja tal-maġġoranza u d-denominazzjonijiet insara li hawn f'Malta huma żgħar u l-kongregazzjonijiet tagħhom huma ġeneralment barranin. Flimkien, iżda, irridu nibnu kultura nisranija. Hemm ħafna modi kif il-Knisja Kattolika tista' tingħaqad mal-knejjes u komunitajiet insara oħra biex tinħoloq komunità wiesgħa nisranija u biex dejjem jikber ir-rispett reċiproku. Din tista' tkun għaqda fil-qima fuq bażi regolari, imma wkoll għaqda mibnija fuq inizjattivi soċjali jew kulturali komuni. Flimkien imbagħad nistgħu nagħtu xhieda ta' għaqda quddiem

reliġjonijiet oħra li m'humiex insara u quddiem min jistqarr li ma jemmen f'xejn.

## Spirtu ta' djalogu u rispett

## 11

Il-Knisja għad trid taħdem ħafna aktar biex, minbarra l-attendenza fil-quddies, tingħata formazzjoni spiritwali ħalli dak li l-insara jiċċelebraw fit-tempju jkomplu jwettquh barra mit-tempju. Permezz ta' lajċi impenjati, flimkien ma' saċerdoti u reliġjużi, il-Knisja tista' tilħaq aktar nies fuq il-livell aktar personali. Mhux biss ħadd m'għandu jinqabeż mill-pastorali tal-Knisja, anzi għandha tingħata importanza lil dawk li tbiegħdu mill-prattika tal-ħajja nisranija. Hija ħaġa naturali li biex din l-azzjoni tal-Knisja tħalli riżultat pożittiv, f'xi ħin irid ikun hemm ukoll ir-rieda tal-persuni involuti.

B'hekk ma neskludu lil ħadd li jkun lest li jilqa' l-Knisja ukoll jekk mhux b'mod sħiħ. Li ma nwarrbu lil ħadd tfisser li dejjem nilqgħu fi spirtu ta' djalogu u rispett, u b'fedeltà lejn l-Evanġelju u fid-dawl tal-qawwa tiegħu, lil dawk li għal xi raġuni jħossuhom emarġinati fil-Knisja. Hekk il-Knisja tkun qed toħroġ mill-ħitan u tfittex hi lil min jista' jkollu bżonnha. Tkun qed tagħmel kull ma tista' biex iżżomm kull parti tal-ġisem b'saħħtu u fl-għaqda, ukoll jekk hija għaqda ta' bnedmin u għalhekk imperfetta u nieqsa minn ħafna karatteristiċi mixtieqa.

B'hekk il-Knisja Kattolika tkun tingħaraf: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13,35). Din l-imħabba tipika tal-Knisja hija l-imħabba reċiproka għaliex tirrifletti r-relazzjonijiet bejn it-tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa.

Id-drawwiet u l-organizzazzjoni tal-Knisja m'għandhomx ifixklu imma għandhom jintużaw biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu b'mod l-iktar effiċjenti u biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-Knisja bħala organiżmu ħaj. Dan ifisser ukoll li l-Knisja għandha tibqa' dejjem titgħallem u tħares 'il quddiem fil-vjaġġ ta' tama.



## Kap II

# INFLUWENZI FUQ IL-KULTURA MALTIJA U SFIDI IMPORTANTI GĦALL-KNISJA

## Żvilupp mgħaġġel

12

Biex wieħed jifhem il-għala l-kultura kontemporanja Maltija hi li hi, wieħed irid iqis li f'medda ta' mitt sena Malta għaddiet minn evoluzzjoni storika li ħadet sekli twal biex tiżvolġi fl-Ewropa.[11]

Issa qed ngħixu l-esperjenza "post-moderna", li tesprimi ruħha f'telfien tas-sens ta' direzzjoni, mewt ta' l-ideoloġiji, pragmatiżmu sfrenat u għeri minn kull idejal, fejn l-importanti jkun biss dak li jinħass (sensazzjonaliżmu bla qjies), fejn in-nies xebgħu mill-politika, fejn saret l-iskoperta tas-*supermarket* reliġjuż, fejn wieħed iqabbel fejn jaqbel, fejn il-kelma impenn (*commitment*) ġiet żvalutata – sakemm sejrin tajjeb kollox sew – u tnisslet konvinzjoni li xejn ma hu etern u li allura ma għandniex nibżgħu nbiddlu.

Dan ir-ritmu aċċellerat ta' bidla mgħaġġla ġġenera *momentum* kważi impossibbli tiqaflu li ħalla lil ħafna bla nifs u diżorjentati għall-aħħar. Il-kenn tad-dar invadieh riefnu jobrom li ħarbat kollox.

Din il-kultura ta' inċertezza wasslet lil ħafna biex ma jimpurtahomx iżjed mill-impenn u jagħtu importanza lil relazzjonijiet. Ma jimpurtahomx iżjed mis-soċjetà li ġġenerathom u jikkonċentraw aktarx fuqhom infushom. L-oġġettivi tagħhom ikunu aktar pragmatiċi milli idejalisti u, bħas-soċjetà konsumista li qed ngħumu fiha, ir-*raison d'être* tagħhom isiru l-flus u dak li jixtru l-flus (libertà ta' azzjoni, karriera,...). Iħossuhom bla saħħa quddiem il-forzi sovra-umani li jdawru r-rota tas-soċjetà u għalhekk jaqtgħu qalbhom li jistgħu jibdluha. L-emozzjoni, aktar mir-raġuni, tkun il-motivazzjoni

[11] Għal analiżi ta' dan is-seklu, ara Benjamin Tonna, *Malta Trends 1993. The Signs of the Times*, Malta 1993.

tagħhom, u b'riżultat ta' dan kollu jkabbru sens ta' vojt li jikolhom minn ġewwa.

## Kif tinterpreta r-realtà ġdida

13

Hemm modi differenti ta' kif wieħed jinterpreta din ir-realtà. Veru li kultant il-bniedem jinsab fi żmien delikat, ta' inċertezza dwar il-futur, bla mudelli, mingħajr punt ta' referenza u bla raġuni għal ħajtu. Veru wkoll li f'sitwazzjoni bħal din il-bniedem qed iħossu dgħajjef u vulnerabbli. Iżda dawn huma l-istess elementi li nsibu fil-Ktieb ta' l-Eżodu, l-istess sentimenti li ħass il-poplu Lhudi fid-deżert.

Il-bniedem ta' fidi għandu jħares lejn din l-epoka bħala mument ta' grazzja. Bħalna l-poplu Lhudi kellu jisma' l-krib u t-tnehid tas-sofferenzi, u jissaporti l-idolatrija tal-popli ta' madwaru. Fuq kollox kellu jiġġieled ukoll ix-xjaten, l-allat foloz ta' ġo fih. Dan hu għalhekk ukoll żmien "qaddis", żmien ta' purifikazzjoni, ta' dgħufija, ta' umiljazzjoni. Dan hu forsi "l-lejl mudlam tar-ruħ" li jitkellem fuqu San Ġwann tas-Salib. Irridu nemmnu li Alla se juża proprju l-feriti tagħna biex juri l-glorja tiegħu u biex jittrasforma lilna.

## Sfidi importanti

14

Il-Knisja f'Malta qiegħda tħabbat wiċċha ma' l-influssi li tħalli din il-mentalità aktarx negattiva u nikilista fuq il-ħajja reliġjuża tal-Maltin.

Quddiemha l-Knisja għandha wkoll, fost l-oħrajn, erba' sfidi importanti:

- il-*Media*;
- *Paceville* u d-divertiment;
- il-pluraliżmu reliġjuż;
- l-avvanz tal-mara.

## Il-*Media* 15

Fost l-isfidi ewlenin li bla dubju żiedu fir-ritmu mgħaġġel li bih is-soċjetà Maltija kienet qed tinbidel mill-wiċċ u mill-qiegħ, irridu nsemmu l-*media* u l-pluraliżmu fix-xandir li fil-bidu tas-snin disgħin kien katalizzatur determinanti biex mentalità pluralista u aktarx materjalista tiġi mxerrda.

Il-*media* tista' tissejjaħ "l-ewwel arjopagu ta' l-era moderna... li qed tgħaqqad l-umanità u tibdilha f'dak li jissejjaħ 'villaġġ globali'".[12] Barra minn dak li jingħad fid-Dokument tas-Sinodu *Xandir tal-Kelma* dwar il-lok privileġġjat ta' l-informatika fid-dinja moderna,[13] f'dan il-punt ma nistgħux ma nsemmux ir-rwol importanti li bdew jieħdu r-radju, it-televiżjoni u l-gazzetti. F'ħakka t'għajn, dak li qabel kien jiġi diskuss biss bejn erba' ħitan, issa nbidel f'dibattitu amplifikat mal-pajjiż kollu. M'hemmx dubju li l-proposta ta' stili differenti ta' ħajja u ta' mudelli differenti ta' familja li daħlu fid-djar tal-Maltin permezz tal-*Cable TV* u tas-satellita ħallew l-effett tagħhom. L-istess stazzjonijiet lokali bdew jiġu influwenzati u kważi mkaxkra minn dan fi produzzjonijiet lokali li beda jkollhom impatt akbar proprju għax issa bil-Malti.

It-televiżjoni, bħalma sikwit ingħad, huwa mezz li jgħinek jew itellfek skond l-użu li tagħmel minnu. Il-fatt li ġo darek stess jiftaħlek twieqi enormi fuq id-dinja, fuq dak li qed jiġri u fuq tant għerf, li llum ftit għandna ċ-ċans niġbru b'mezzi oħra bħall-qari, hu fattur pożittiv ta' valur kbir. Imma hemm ukoll in-naħa l-oħra tal-munita, l-aspett negattiv.

La qed nitkellmu f'din is-sezzjoni fuq "influwenzi fuq il-Kultura Maltija u sfidi għall-Knisja", anki dan l-aspett ma nistgħux ninjorawh. Il-kriterji morali proposti l-ħin kollu jikkuntrastaw ma' dawk li l-kultura tagħna nbniet fuqhom sa llum. Ħolqu sfida ġdida u kbira lill-Knisja f'Malta biex hi

12 Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris Missio* (7 December 1990), 37.

13 Ara d-dokument tas-Sinodu *Xandir tal-Kelma*.

ukoll tagħraf il-ħtieġa ta' *marketing* serju fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni.[14] Uħud mill-produzzjonijiet fuq l-istazzjonijiet lokali m'hemmx dubju li jfasslu l-aġenda tagħhom akkost li jkunu manipulattivi; din tissejjaħ "it-tirannija ta' l-immaġni".

## It-tweġiba tal-Knisja

16

It-tweġiba tal-Knisja għandha tkun waħda li tagħmel ċara l-pożizzjoni tagħha bla biża' u bla tlaqliq, "tisħaq f'waqtu u barra minn waqtu" (2 Tim 4,2), kemm uffiċjalment u kemm permezz ta' individwi sew membri tal-kleru u sew lajċi impenjati u ppreparati li lesti jagħtu xiehda fil-beraħ ta' twemminhom. Huwa dmir tal-Kattoliċi li jkunu preżenti f'dawn l-oqsma – radju, televiżjoni, gazzetti, *internet* – sabiex jaħdmu bħal ħmira fis-soċjetà. Il-kitba fil-gazzetti ma tistax tkun limitata għall-*media* tal-Knisja iżda trid toħroġ u tidher fil-gazzetti stess li fihom issir il-kritika. Dwar ix-xandir, mhux biżżejjed li l-Knisja tipproduċi l-programmi tajbin tagħha (ħaġa li għandha titkompla) imma b'ċerta asserzjoni trid turi l-preżenza tagħha u ssemma' leħinha wkoll fl-oħrajn.

Għal dan il-għan, jeħtieġ li ssir preparazzjoni serja minn dawk li jwasslu l-pożizzjoni tal-Knisja għax tista' ssir aktar ħsara milli ġid. B'mod partikulari, jidher li hawn nuqqas ta' min kapaċi jidher fuq programm *live* u jseħħlu fiż-żewġ minuti għad-dispożizzjoni tiegħu jesponi l-pożizzjoni tal-Knisja b'mod konvinċenti.

Il-*Media Centre* ukoll għandu rwol kruċjali x'iwettaq fit-tixrid tal-messaġġ pożittiv bil-produzzjoni u bejgħ ta' materjal awdjo-viżiv[15] ta' kwalità. Din il-ħidma trid tiġbed lin-nies bi prezzijiet kompetittivi, jekk hemm bżonn saħansitra sussidjati.

14 Ara Kunsill Pontifiċju għall-Komunikazzjoni Soċjali, Istruzzjoni Pastorali *Aetatis Novae* (22 ta' Frar 1992), 11.

15 Materjal bħalma huma l-*videos*, *CDs*, *DVDs* u oħrajn.

Dwar *marketing*, irid jingħad li fis-soċjetà ta' llum PRO għandu ħidma ċentrali x'iwettaq. Il-Knisja għandha bżonn ta' *communications office* b'numru adegwat ta' nies imħarrġa professjonalment u speċjalizzati fil-qasam. Tajjeb li l-funzjoni ta' dan il-*communications office* tkun waħda proattiva.

Biex jitwettaq pjan sħiħ fil-qasam tal-*media*, jeħtieġ li jkun effettiv is-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali b'għanijiet ċari u strateġija ta' twettiq ta' pjan imfassal skond il-ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija llum.

## Il-fenomenu *Paceville*

17

Il-fenomenu *Paceville* hu kemm sintomu tal-filosofija moderna kif ukoll influwenza qawwija fuq il-kultura ta' llum. Hawnhekk għandna sfida li l-Knisja ma tistax tinjora. L-aktar għaż-żgħażagħ, imma mhux biss, il-"valuri" moderni jesprimu ruħhom u jiġu rinforzati fil-fenomenu *Paceville* – il-ħajja individwalista, il-kultura ta' "issa l-mument, għada min rah", jiġu espressi fir-ritmu sfrenat, il-*kick* li tqanqlek, it-tpaxxija tal-għajn, il-ħinijiet bla rażan, il-ħoss li jtarrax, tipjip, alkoħol żejjed, droga u aljenazzjonijiet oħra li jdallmu r-raġuni u ma jħallu ebda ħin u wisa' għar-riflessjoni. Hi d-dinja *underground*, il-frugħa, id-dinja tal-ħrafa.

*Paceville* hu fenomenu li, aktar minn ħaġa oħra, hu sintomu ta' transizzjoni li seħħet fejn jidħol id-divertiment. *Paceville* jirrappreżenta l-eżodu taż-żgħażagħ miċ-ċentri parrokkjali tagħna. Hija attrazzjoni konċentrata f'*area* li qed tipprovdi, għat-tajjeb u għall-ħażin, dak li jħossu li jissodisfa l-bżonn tagħhom ta' divertiment lil hinn mill-konfini ta' parroċċa, raħal jew belt. *Paceville* joffri dan l-ispazju ta' libertà u fl-istess ħin spazju fejn il-klikek ta' ħbieb faċilment jitwessgħu. Paradossalment, fl-anonimat tiegħu ħoloq *belonging* li għal uħud kien bżonn. Bla dubju, fi spazju bħal dan, xi nies bla skruplu li dejjem lesti jisfruttaw liż-żgħażagħ sabu wkoll art fertili ħafna, u dan ta wkoll l-isem kultant ħażin li din l-oasi ta' divertiment għandha ma' ċerti ambjenti.

## It-tweġiba tal-Knisja

18

It-tweġiba tal-Knisja ma tistax tkun waħda ta' ostilità li tgerrex u li tirrendi lill-Knisja nnifisha irrilevanti. Lanqas għandha tkun aċċettazzjoni innoċenti li tħares band'oħra, bħallikieku ma hu qed jiġri xejn li għandu jinteressaha. Il-Knisja, hawnhekk ukoll, trid taqdi l-missjoni profetika tagħha billi, fost l-oħrajn, tiddenunzja l-abbuż u l-isfruttament taż-żgħażagħ minn nies bla skrupli. Il-pożizzjoni tal-Knisja għandha tkun dik ta' Pawlu fl-Arjopagu li għaraf jidħol b'tagħhom u joħroġ b'tiegħu. L-isfida għall-Knisja quddiem il-fenomenu *Paceville* mhix waħda faċli. Il-Knisja hawnhekk trid:

- tibda billi tagħmel il-mistoqsijiet tagħha dwar il-fatt li llum iż-żgħażagħ ftit tista' tfittixhom u ssibhom fl-ambitu tal-parroċċa billi matul il-ġimgħa aktarx qegħdin l-iskola jew ix-xogħol, filwaqt li fil-*weekend* għandhom dan l-ispazju li mhux marbut b'limiti ta' ħin;
- tkompli tkun preżenti fil-membri tagħha li, fil-ħin liberu tagħhom, u f'kull ambjent, jibqgħu jagħtu xhieda tal-valuri ta' l-Evanġelju; hawnhekk ta' min ifaħħar l-inizjattiva għaqlija tal-*Millennium Chapel* li, proprju fil-qalba ta' l-ispazju *Paceville*, apparentement daqshekk mhux milħuq, toffri spazju ieħor li jista' jkun ta' kenn u anki oasi spiritwali;
- bħala mezz biex tingħeleb il-kultura individwalista u l-enfasi esaġerata fuq il-*here and now*, il-Knisja għandha tisħaq aktar fuq il-ħajja komunitarja fi ħdan il-familji, l-għaqdiet u l-parroċċi u tħeġġeġ u tgħin liż-żgħażagħ biex ikunu xhieda ta' Kristu fost sħabhom.

## Il-pluraliżmu reliġjuż f'pajjiżna

19

Il-kuntatt ma' barranin li jżuru Malta jew li qed jgħixu hawn u li jħaddnu idejat u twemmin differenti minn dak nisrani kull ma jmur qed jiżdied. Il-miġja fostna ta' għadd kbir ta' turisti u s-safar ta' sikwit tal-Maltin bilfors

iġib lejn xtutna taħlit ta' idejat u preżenza ta' għadd ta' reliġjonijiet: komunitajiet kristjani evanġeliċi, setet u forom ġodda ta' spiritwalità indirizzati lejn dak li jinsab ġewwa l-bniedem u mhux lil hinn minnu.[16] Barra minn dawn l-influssi li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom il-Knisja f'Malta, ta' min isemmi wkoll żieda fiż-żwiġijiet (ħafna minnhom ċivili) bejn Kattoliċi Maltin u barranin li jħaddnu twemmin differenti, bil-konsegwenzi li dawn iġibu magħhom fil-ħajja reliġjuża tal-familja. Ma' dan kollu hawn ukoll l-għajta dejjem tiżdied favur id-divorzju f'pajjiżna.

Ħafna minn dan qed iseħħ kullimkien, mhux f'Malta biss, iżda aħna nħossuh aktar minħabba ċ-ċokon tagħna. Diġà ssemma kif għadd ta' komunitajiet kristjani evanġeliċi, setet u forom oħra ta' spiritwalità nibtu bħall-faqqiegħ dan l-aħħar u qed isemmgħu leħenhom b'ċerta insistenza. Barra minn dan, f'dawn l-aħħar snin, qed jiżdiedu l-attakki kontinwi u l-kritika distruttiva f'ċerti programmi fuq il-mezzi tax-xandir kif ukoll fil-gazzetti bil-ħsieb li tiġi fix-xejn il-kredibbiltà tal-Knisja u biex jirrendu l-preżenza u l-influss tagħha fis-soċjetà Maltija bħala waħda għal kollox irrilevanti. Dan kollu qed iwassal biex wieħed iħares lejn ir-reliġjon bħala ħaġa relattiva u privata: tkun Kattoliku u tkun ta' reliġjon oħra m'hijiex problema – l-aqwa li tqim lil Alla u tgħix ħajja tajba. Dan il-fenomenu qed iwassal ukoll għal numru ta' "konverżjonijiet" mir-reliġjon Kattolika għal reliġjonijiet oħra, fosthom l-Islam.

Il-fenomenu ta' l-Islam f'pajjiżna m'għandux jitqies bħala problema daqskemm bħala sitwazzjoni ġdida li qed tqum fis-soċjetà Maltija. Din diġà bdiet tinħass u ilha tinħass l-aktar bin-numru dejjem jiżdied ta' żwiġijiet bejn Kattoliċi Maltin u Musulmani f'dawn l-aħħar tletin sena. Teżisti komunità Musulmana f'pajjiżna li rabbiet l-għeruq u li se tibqa' fostna.

Pajjiżna jinsab f'pożizzjoni strateġika bejn żewġ kontinenti – u żewġ dinjiet – li huma differenti minn xulxin kemm fil-kultura u kemm fil-ħsieb. Din il-qagħda ma jistax ma jkollhiex effetti fuq is-soċjetà tagħna.

16 Ara Kap VI, Il-Knisja u t-turiżmu.

Hawnhekk ta' min iqis li, filwaqt li pajjiżi Ewropej bħal Franza u l-Italja huma kbar biżżejjed biex jassorbu dan il-fenomenu, Malta hija gżira żgħira u realtà bħal din ma tistax ma tħallix konsegwenzi serji. Hawn Malta diġà jeżistu żewġ skejjel Islamiċi li qegħdin jagħtu edukazzjoni lill-ulied li jitwieldu minn dawn iż-żwiġijiet u hemm il-ħsieb li titwaqqaf skola oħra. Bħalma ġara f'pajjiżi oħra, dan il-fenomenu qed iġib miegħu tibdil demografiku u soċjali kif ukoll konflitt kulturali u reliġjuż.

Ta' min jgħid li hemm diversi Maltin li saru Musulmani b'għażla personali u n-numru tagħhom żdied. Ta' min jistaqsi hawnhekk x'kienu r-raġunijiet wara dan l-aħħar fenomenu: jekk kienx hemm nuqqas ta' formazzjoni jew nuqqas ta' xhieda.

## It-tweġiba tal-Knisja

20

Dan kollu għandu jwassalna għal ċerti konklużjonijiet. L-ewwelnett għandna naraw il-preżenza Musulmana f'pajjiżna bħala sfida għall-Knisja. Hija sfida biex, bħala komunità nisranija, naffrontaw ir-realtajiet ġodda li qed jitfaċċaw f'pajjiżna. Hija sfida biex il-Knisja f'Malta tiġġedded u tagħraf twieġeb għall-ħtiġijiet spiritwali u pastorali tas-soċjetà Maltija fis-sena elfejn u lil hinn minnha.

- Bħala komunità nisranija jeħtieġ inżommu dejjem f'rasna t-twissija ta' San Pietru: "Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom" (1 Pt 3,15). Din titlob mhux biss għarfien ta' x'inhi l-fidi nisranija imma wkoll għajxien u xandir ta' din l-istess fidi.[17] Hawnhekk jidħol id-djalogu, mhux dak ibbażat fuq indifferentiżmu reliġjuż, iżda fuq xhieda. Il-fidi tagħna għandha tifftħilna l-bibien biex nilqgħu fostna bnedmin ta' fehmiet u reliġjonijiet differenti, imma dak li nemmnu m'huwiex negozjabbli

[17] Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (6 ta' Jannar 2001), 40.

"bħallikieku nqisuh biss kwestjoni ta' opinjoni: huwa grazzja li timliena bil-ferħ, messaġġ li għandna dmir li nxandru".[18]

- It-tieni, jeħtieġ li l-pastorali tal-Knisja f'Malta tkun aġġornata għal din ir-realtà, ibda mill-edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel primarji u spiċċa mis-seminarji u l-korsijiet tal-lajċi u dawk ta' l-aġġornament tal-kleru. Jeħtieġ li dawk li huma responsabbli mill-kura pastorali – l-aktar is-saċerdoti u l-katekisti – jinteressaw ruħhom li jkunu infurmati dwar reliġjonijiet oħra. Kultant, b'xorti ħażina, l-aktar nies li jeħtieġ li jkunu infurmati huma l-inqas nies li jaqraw.[19]
- It-tielet, irridu noqogħdu attenti għall-użu tal-kelma pluraliżmu. Ħafna drabi l-użu indiskriminat tagħha jwassalna biex naqgħu fin-nasba li kollox huwa relattiv, inkluż il-fidi li nistqarru. Dan narawh b'mod ċar minn ċerti ittri u artikli li jidhru fil-gazzetti lokali kif ukoll f'programmi fuq ir-radju u t-televiżjoni. Għalhekk huwa ferm importanti li fil-katekeżi fil-parroċċi, fl-iskejjel u f'ambjenti akkademiċi jiġu diskussi reliġjonijiet oħra u kif inħarsu lejhom fid-dawl ta' Kristu. Id-dokumenti tal-Knisja l-aktar reċenti, fosthom id-Dikjarazzjoni *Dominus Iesus*, iwissuna dwar il-periklu li nqiegħdu r-reliġjonijiet kollha fuq l-istess livell. Dan iġib fix-xejn it-twemmin fis-salvazzjoni universali li kisbilna Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu.
- Fl-aħħarnett, jeħtieġ inqumu min-ngħas u nintebħu li dak li qed naraw iseħħ barra minn xtutna għada pitgħada se jibda jseħħ fostna wkoll aktar malajr milli qatt nistgħu nimmaġinaw. Malta m'għadhiex aktar pajjiż iżolat mill-bqija tad-dinja. Għalhekk ma nistgħux nibqgħu lura milli nagħrfu din ir-realtà f'pajjiżna.

## L-avvanz tal-mara

21

Hemm min jaħseb li l-emanċipazzjoni tan-nisa hija responsabbli għal ħafna mill-problemi li qed tiltaqa' magħhom is-soċjetà. Din hi fehma żbaljata.

[18] *Ibid.*, 56.

[19] Ara Kap IX, Il-formazzjoni teoloġika tal-kleru u tal-lajċi.

Li l-mara tikseb id-drittijiet li huma tagħha, u li kienet b'xi mod imċaħħda minnhom, hu dejjem pass 'il quddiem fis-soċjetà.

F'dan il-qasam, sikwit id-diskors idur fuq il-mara-omm li taħdem. Storikament in-nisa miżżewġa u bit-tfal dejjem taw sehemhom fil-ħajja ekonomika u ċivili anke jekk il-pożizzjoni tagħhom kienet ta' żvantaġġ meta mqabbla ma' dik tar-raġel. F'Malta llum, anke fost in-nisa li uffiċjalment ma joħorġux jaħdmu, issib numru ġmielu li jfittxu li jżidu d-dħul tal-familji permezz ta' xogħol li jsir id-dar jew qrib id-dar.

Jidher li d-diffikultajiet jinħolqu meta ma jkunx hemm il-bilanċ meħtieġ bejn id-drittijiet tal-familja u dawk tax-xogħol meta r-raġel u l-mara jkunu jaħdmu t-tnejn barra d-dar, u speċjalment meta jkunu ġenituri.

## It-tweġiba tal-Knisja

22

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Knisja f'Malta twieġeb bil-ferħ għar-rikonoxximent tal-kapaċità tan-nisa Maltin li jieħdu sehem b'mod sħiħ fil-ħajja soċjali, ekonomika, politika u kulturali. Il-Knisja f'Malta tappoġġja lin-nisa Maltin fl-isforzi tagħhom. Tħeġġeġ l-awtoritajiet ċivili sabiex jadottaw *policies* u sabiex jinħolqu strutturi li jgħinu lin-nisa u lill-irġiel iħaddnu ħajja tal-familja kif inhu xieraq filwaqt li t-tnejn li huma jagħtu l-kontribut tagħhom fil-ħajja pubblika.

Il-Knisja trid issaħħaħ lil dawn in-nisa u rġiel billi tħeġġiġhom li jħaddmu l-ġudizzju tagħhom sabiex isibu bilanċ billi ma jintrikbux la mir-regħba għall-ħwejjeġ materjali u lanqas mill-kilba għall-poter. Dawn iż-żewġ tentazzjonijiet ma jgħinux la fil-qadi tad-dmirijiet fuq il-post tax-xogħol u l-anqas fil-bini ta' relazzjonijiet b'saħħithom fid-dar.

Kemm l-omm u kemm il-missier għandhom dmirijiet u responsabbiltajiet lejn it-trobbija tat-tfal fil-familja anki jekk ir-rwol

tagħhom hu differenti. Ta' min jirrifletti u jiddiskuti serjament il-kultura li dieħla fostna fejn omm, sa mill-ewwel xhur wara t-twelid tat-tarbija, tirritorna fid-dinja tax-xogħol. B'dan m'aħniex neskludu li anki r-raġel għandu jagħti sehmu fit-trobbija tat-tfal, anzi l-Knisja tagħraf is-sehem imprezzabbli tat-tnejn li huma – l-omm u l-missier – f'dan il-qasam. Għalhekk jeħtieġ li l-Knisja tgħin fil-formazzjoni tal-mentalitajiet, ta' l-attitudnijiet u tal-kuxjenzi u allura fil-formazzjoni tal-kultura.[20]

[20] Dwar din it-tema, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Żwieġ u Familja*, 17.



## Kap III

# IL-KNISJA U L-OQSMA TAL-POLITIKA U TA' L-EKONOMIJA

## It-tfittxija għall-verità



Fil-konvinzjoni li l-oqsma tal-politika u ta' l-ekonomija jikkostitwixxu mod esiġenti ta' kif tingħex il-karità,[21] l-insara għandhom jiddedikaw ruħhom b'mod intelliġenti, kompetenti u onest fil-forom diversi ta' impenn ċivili. Għandhom jagħrfu li għan-nisrani din hi għalqa ta' ħidma li fiha jridu jagħtu xhieda tal-valuri li jmorru lil hinn mill-ħtiġijiet ekonomiċi u politiċi.[22] Min-nisrani din il-ħidma teħtieġ tfittxija sinċiera tal-verità għax l-għatx għall-verità jidħol fil-qalba kemm tal-politika u kemm ta' l-ekonomija. Il-verità hi dik li torbothom it-tnejn flimkien.

Jeżisti nuqqas serju ta' din l-attitudni fundamentali kif jidher mill-*media* li suppost jgħinuna nfittxu sew il-verità f'kull qasam tas-soċjetà. Bla dubju l-Knisja trid tagħti xhieda awtentika ta' dan it-tiftix. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ma joqgħodx jilgħab bil-kliem u ma jonqosx jidħol ħafna fil-partikular f'dan ir-rigward meta jisħaq li "fil-qasam tal-politika għandna naraw li jkun hemm l-imħabba għall-verità fir-relazzjonijiet bejn min imexxi u ċ-ċittadini, iktar trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika, imparzjalità fis-servizz pubbliku, ħarsien tad-drittijiet ta' l-oppożizzjoni politika … amministrazzjoni ġusta u tajba tal-fondi pubbliċi, ir-rifjut ta' mezzi ekwivoċi u ħżiena biex jinkiseb il-poter, biex jinżamm jew jitkattar aktar, jiġri x'jiġri".[23]

"F'kull ma għandu x'jaqsam ma' l-ekonomija", imbagħad, jikkwota mill-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (2407): "ir-rispett tad-dinjità tal-persuna jitlob li titħaddem il-virtù tar-rażan, biex ir-rabta mal-ġid ta' l-art ma tkunx bla qjies, li titħaddem il-virtù tal-ġustizzja ħa jiġu mħarsa d-drittijiet tal-proxxmu u kulħadd jieħu dak li ħaqqu; u li titħaddem is-solidarjetà skond ir-regola tad-deheb u skond l-id miftuħa tal-Mulej...".[24]

21 Ara Pawlu VI, Ittra Appostolika *Octogesima Adveniens* (14 ta' Mejju 1971), 46.

22 Ara Diocesi di Milano*, Sinodo 47º*, Milano, 1995, 549.

23 Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Veritatis Splendor* (6 ta' Awissu1993), 101.

24 *Ibid*., 100.

## Il-qagħda preżenti

24

F'Malta, sfortunatament, kien hawn fl-istorja konflitti bejn partiti politiċi u l-Knisja. Aktarx li f'dawn il-konflitti ma ħarġitx biżżejjed ċara s-supremazija tal-kuxjenza personali, dejjem wara l-isforzi meħtieġa biex tkun imdawla. Kultant inħolqot ukoll konfużjoni fl-imħuħ bejn il-konsegwenzi li joħorġu waħedhom minn ċerti għażliet ta' mġiba u l-passi dixxiplinari meħuda, mill-mexxejja tal-Knisja, skond il-ġudizzju tagħhom, fejn jidħlu l-membri tagħha.

Kif wera l-Aġġornament tal-Kleru ta' l-2001 u kif uriena wkoll id-dokument uffiċjali tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali dwar il-maħfra li talab tant drabi l-Papa Ġwanni Pawlu II, din il-problema għadha magħna fl-għeruq tagħha u l-materja m'għandhiex tkun eskluża mit-tfittxija tal-verità li semmejna. Ma jkunx pastoralment siewi f'dan iż-żmien li l-Knisja toqgħod tidħol fl-irqaqat ta' x'sar sewwasew fl-imgħoddi, anki f'kuntest ta' stqarrija ta' ħtijiet. Din diġà saret f'termini ġenerali xierqa.[25] L-importanti hu li l-prinċipji li jrieġu l-futur ikunu ċari, kif nittamaw li huma dawn li se nistqarru issa.

Il-partiti politiċi ta' Malta huma affettwati mill-pluraliżmu bħall-partiti politiċi tad-dinja. Qishom l-ideoloġiji ma baqgħux la fuq ix-xellug u lanqas fuq il-lemin. L-*issues* tax-xogħol, l-edukazzjoni, l-ambjent, il-*gender*, u oħrajn saru *issues* għal kulħadd. Is-sekulariżmu issa żied il-pressjoni tiegħu mhux biss fuq il-Knisja iżda wkoll fuq il-partiti. Dawn iħaddnu ċerti prinċipji, iżda qed ikollhom pressjoni mill-poplu, li minnu wara kollox iridu l-voti.

## Fil-qasam ekonomiku

25

Fil-qasam ekonomiku, il-Knisja dejjem għallmet, mir-rivoluzzjoni industrijali 'l hawn, li għandna nevitaw sew l-estrem ta' suq għal kollox ħieles u sew l-estrem

[25] Ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni*, 3.

oppost ta' kollox f'idejn l-Istat. Il-Knisja dejjem inkuraġġiet li jiġu żviluppati forom demokratiċi ta' tmexxija ta' l-impriżi bħal ko-operattivi, kif ukoll istituzzjonijiet privati li jkollhom il-ġid komuni u mhux il-qligħ individwali bħala skop.

Illum qegħdin ngħixu fi żmien rivoluzzjoni kulturali ta' importanza kbira daqs dik industrijali li ġabet il-magna. Dak iż-żmien il-produzzjoni umana xaqilbet mill-biedja (u allura l-art kienet ir-riżorsa l-aktar importanti) għall-manifattura (u allura l-materjali li bil-ħruq kienu jinbidlu fl-enerġija li tmexxi l-magni saru r-riżorsi l-aktar apprezzati). Illum qed naqilbu miċ-ċiviltà tal-magni għal dik elettronika (jiġifieri li tuża kwantitajiet relattivament żgħar ta' enerġija biex tagħmel xogħolha) u l-informazzjoni saret ir-riżorsa l-aktar li tiswa.

Għalhekk, biex ma nħallux jiġri li jkun hemm l-istess inugwaljanzi u inġustizzji fit-tqassim tal-ġid li ġara sew meta l-art u sew meta l-materji enerġetiċi kienu l-aktar li jagħmluk sinjur, jeħtieġ li nieħdu ħsieb li ma jkunx hawn kwantità ta' bnedmin li ma jibbenefikawx bħall-oħrajn mill-ġid li kapaċi tirrendi l-informatika. Għalhekk il-qofol tal-ġustizzja fil-progress ekonomiku llum jinsab fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

## Il-ħidma politika u l-impenn tan-nisrani

**26**

Hemm rabta bejn il-ħidma politika u l-impenn tan-nisrani li, fil-bini ta' soċjetà li tixraq lill-bniedem, għandhom bħala mira l-ġid komuni u t-tkattir tal-valuri morali bħalma huma l-ġustizzja u l-libertà. Wara żmien twil ta' tensjoni bejn il-qasam politiku u dak reliġjuż, bejn l-ordni temporali u l-ordni spiritwali, il-Knisja, speċjalment wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni, tagħraf il-lajċità tal-politika bħala valur u fl-istess ħin tħeġġeġ għal iktar medjazzjoni kulturali bejn il-prassi politika u l-impenn tal-komunità nisranija u l-membri tagħha fir-realtà temporali.[26]

[26] Ara *Gaudium et Spes*, 76: "Il-komunità politika u l-Knisja, fil-qasam tagħhom, huma indipendenti minn xulxin u awtonomi...Imma dejjem u kullimkien huwa jedd (tal-Knisja) li xxandar il-fidi b'libertà vera, tgħallem id-duttrina soċjali tagħha, tmexxi l-ħidma tagħha bla tfixkil fost il-bnedmin, u tagħti wkoll il-ġudizzju morali tagħha fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-ordni politiku meta l-jeddijiet fundamentali tal-persuna jew is-salvazzjoni ta' l-erwieħ jitolbu dan".

Dan ifisser li mill-fidi ma nistgħu qatt infasslu xi mudell politiku uniku ta' soċjetà, ta' gvern jew ta' partit. Il-fidi ma toffrix riċetta waħdanija ta' organizzazzjoni soċjali, politika jew ekonomika. Madankollu l-Evanġelju juri liema huma l-valuri li wieħed għandu jirrispetta u jmexxi 'l quddiem biex b'hekk il-politika tkun tassew ta' servizz għall-bniedem. L-insara, min-naħa tagħhom, bħala ċittadini, huma impenjati li jinkarnaw fl-istorja ta' kuljum dawn il-valuri, jaffermawhom, iġibuhom 'il quddiem u jħarsuhom.[27]

## Il-Knisja u l-għażliet politiċi

27

Mhux kull ideja jew viżjoni tal-ħajja hija kompatibbli mal-fidi. Għalhekk, waqt li l-Knisja tħares il-libertà tal-kuxjenza tal-lajċi nsara fejn jidħlu għażliet ta' partit jew skjerament, hi ma tistax ma ssemmax leħenha fejn jidħlu prinċipji etiċi li fuqhom isiru għażliet politiċi. Dan il-Knisja tagħmlu mhux biss meta dawn l-għażliet ikunu jmorru direttament kontra dak li tgħallem hi, imma wkoll meta tagħraf li hemm f'riskju l-istess ġid komuni[28] tas-soċjetà, speċjalment il-jeddijiet fundamentali tal-bniedem.

Waqt li l-Knisja għandha kull jedd u dmir tiddikjara li ċerti għażliet politiċi li għandhom konsegwenzi prattiċi m'humiex konsistenti mat-twemmin u t-tagħlim tagħha, hija tifhem li trid tirrispetta l-awtonomija u l-kompetenza tal-politika. Madankollu, f'dawk iċ-ċirkostanzi meta l-Istat jifhem li għandu jilleġisla favur pożizzjonijiet li l-viżjoni tal-Knisja ma taċċettax, il-Knisja ma toqgħodx lura milli titkellem u tibqa' tipproponi u tipproklama l-viżjoni u t-tagħlim tagħha u turi l-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet li dawk l-għażliet politiċi jista' jkollhom fuq il-bniedem u

27 Ara d-dokument tas-Sinodu *Lajċi Nsara.*

28 Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis Humanae* (7 ta' Diċembru 1965), 6: "Il-ġid komuni tas-soċjetà, li hu l-ġabra flimkien ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali li bihom il-bnedmin jistgħu jilħqu l-perfezzjoni tagħhom b'mod aktar sħiħ u ħafif, jikkonsisti l-aktar fil-ħarsien tad-drittijiet u tad-dmirijiet tal-persuna umana".

fuq is-soċjetà in ġenerali. Il-Knisja tqisha bħala sfida kbira tagħha llum li fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni teduka lin-nisrani biex, f'sitwazzjonijiet ta' konflitt, jagħmel għażliet li jkunu konsistenti ma' l-Evanġelju u mat-tagħlim tagħha.

## Distinzjoni ċara

28

Għandu jkun hemm distinzjoni ċara fil-mod kif jitkellmu dwar suġġetti politiċi persuni bi kwalitajiet ekkleżjali differenti.

- L-Isqfijiet, jew min jitkellem f'isimhom, kif ukoll il-membri tal-kleru, jeħtiġilhom jevitaw kull ħjiel ta' għażliet partiġġjani. Fl-istess waqt, għandhom jitkellmu fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem u valuri morali u reliġjużi.
- F'livelli anqas uffiċjali, anki persuni li jitqiesu normalment bħala esponenti tal-Knisja, f'materji fejn ikunu implikati drittijiet tal-bniedem, valuri morali u reliġjużi, għandhom ifissru l-fehmiet raġunati tagħhom, anki jekk ikunu politikament kontroversjali, dejjem fil-linja tat-tagħlim tal-Knisja.
- Il-lajċi huma ħielsa li jesprimu l-ġudizzji tagħhom dwar kif għażliet politiċi jorbtu mal-konvinzjonijiet reliġjużi tagħhom dment li ma jmorrux kontra t-twemmin espliċitu tal-Knisja.

## Żewġ linji ta' azzjoni

29

Fis-sitwazzjoni preżenti ta' Malta jidhru li huma meħtieġa żewġ linji ta' azzjoni:

(i) Il-lajċi jridu jkunu aktar preparati teoloġikament u psikoloġikament biex ma jistennewx mill-kleru la direttivi u lanqas pariri dwar il-biċċa l-kbira tal-għażliet politiċi li jeħtieġ isiru fil-pajjiż, imma jkunu kapaċi huma, f'isimhom u fid-dawl tal-prinċipji ġenerali

tal-Knisja, jiddeterminaw liema għażliet jaqblu mal-prinċipji. Għal dan l-iskop jistgħu jkunu utli, fil-kwadru ta' korsijiet u modi oħra ta' edukazzjoni teoloġika tal-lajċi, sistemi ta' taħriġ maħsuba speċjalment għal dawk li lesti jidħlu għar-responsabbiltajiet fil-qasam politiku jew f'oqsma li għandhom x'jaqsmu miegħu.

(ii) Il-mexxejja tal-Knisja jipprovdu dawl fuq il-problemi jaħarqu tal-mument b'dawk il-konsiderazzjonijiet rilevanti li jistgħu tassew jgħinu lill-insara jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom, imma bir-rikonoxximent li dawn jistgħu jkunu differenti tal-wieħed minn ta' l-ieħor anki jekk it-tnejn iħaddnu l-Fidi Kattolika, ħlief fejn ċerti għażliet imorru ċar kontra l-Evanġelju u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem; fi kliem ieħor, bl-għarfien li hemm spazju għal ċertu pluraliżmu anki fil-Knisja.

## Sehem il-Knisja għal spirtu ta' djalogu

30

Dawn iż-żewġ linji ta' azzjoni huma wkoll il-qofol tat-tweġiba għal dik li hi forsi l-aqwa diffikultà għall-impenn tassew nisrani fil-politika, jiġifieri l-qasma tal-poplu Malti f'żewġ taqsimiet opposti għal xulxin u li ma jiddjalogawx tassew bejniethom. Huwa hawn ukoll li l-Knisja tista' tkompli tagħti l-kontribut tagħha biex iġġib flimkien iż-żewġ naħat. Il-bini ta' komunitajiet insara fil-parroċċi, fl-għaqdiet u l-movimenti, u fi gruppi b'impenn nisrani, għandhom iwasslu għal dik l-esperjenza ta' fraternità, 'l hemm mill-idejat politiċi li kull wieħed iħaddan. Il-valur tal-fraternità mhux dejjem tmexxa 'l quddiem mir-rivoluzzjoni Franċiża 'l hawn, imma għall-Knisja huwa l-qofol tal-messaġġ u l-impenn tagħha.

## Impenn fl-Ewropa u fid-dinja

31

Issa li ttieħdet id-deċiżjoni tal-poplu Malti favur sħubija fl-Unjoni Ewropea, is-soċjetà Maltija qed tħejji ruħha biex fl-1 ta' Mejju 2004 Malta ssir parti

minn għaqda ta' ħamsa u għoxrin pajjiż li jirrappreżentaw l-ikbar blokk kummerċjali fid-dinja. Ir-realta' tas-sħubija fl-UE żgur li se tagħti orjentament ġdid lill-politika Maltija. Għalhekk il-Knisja jeħtieġ li jkollha l-Kummissjoni "Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa", b'mandat ċar ta' dak li hu mistenni minnha. Għaldaqstant tinħatar din il-Kummissjoni.

B'mod speċjali, minħabba li s-suq mondjali, minkejja l-fenomenu tal-globalizzazzjoni, mhu juri ebda tendenza li minnu nnifsu jtaffi l-inugwaljanza bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qegħdin jiżviluppaw, il-Knisja f'Malta, bil-kelma u bl-eżempju, tfakkar lill-insara kollha li għandhom jibqgħu juru impenn biex jittieħdu miżuri li jgħinu lill-pajjiżi l-aktar fqar, bħalma huma dawk ta' l-Afrika, biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem. Fl-istess waqt tħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-pajjiż biex fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jmexxu 'l quddiem aġenda li tiffavorixxi l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u politiku fil-partijiet fqar tad-dinja. Dan minkejja li f'dawn il-pajjiżi hemm problemi interni li jfixklu l-progress. Il-proċess innifsu tal-globalizzazzjoni minnu stess jagħti aktar importanza lill-effiċjenza milli lill-ġustizzja u lis-solidarjetà internazzjonali.



## Kap IV

# IL-KNISJA U T-TURIŻMU

## Il-fenomenu tat-turiżmu

32

Influwenza oħra qawwija fuq is-soċjetà Maltija li rridu nikkunsidraw u li qed tinħass ħafna aktar mal-mogħdija taż-żmien hi t-turiżmu. It-turiżmu twieled bħala fenomenu kulturali.[29] Iżda llum dak li hu predominanti hu l-fattur ekonomiku, fattur li hu fl-istess waqt frott u ħallieq ta' kultura ġdida.

Essenzjalment it-turiżmu hu emigrazzjoni għal żmien qasir mingħajr intenzjoni ta' xogħol jew qligħ ta' flus. F'dan il-proċess in-nies tal-lokal "jaraw" u xi drabi "jitħalltu" mat-turisti. Iżda l-maġġoranza tat-turisti li jżuru pajjiżna ftit jitħalltu ma' Maltin, apparti meta jkollhom bżonn is-servizz tagħhom. Iżda numru ta' Maltin huma esposti għall-istil ta' ħajja u l-imġiba tat-turisti; mill-banda l-oħra, it-turisti kollha huma esposti għal xi aspett ta' ħajja jew imġiba tal-Maltin.

## Elementi pożittivi u negattivi

33

Il-Maltin qegħdin jgħaddu messaġġi lit-turisti aktar milli t-turisti jgħaddu lill-Maltin! Fost l-elementi l-aktar pożittivi li qed ngħaddu lill-barranin hemm il-kultura ta' ospitalità. Din hi l-akbar impressjoni li qed inħallu fuq it-turisti. U dan hu pożittiv kemm mil-lat spiritwali kif ukoll mil-lat ekonomiku. Hemm ukoll aspetti negattivi. L-aktar tnejn fosthom huma r-relattiviżmu u l-ambivalenza etika.

F'dan ir-rigward, tinħass il-ħtieġa li tingħata attenzjoni kbira lill-indafa fit-toroq, lill-onestà speċjalment fejn jidħlu l-prezzijiet għall-barranin, u lill-

[29] Kien biss wara li Thomas Cook beda l-inizjattiva tiegħu li t-turiżmu sar fenomenu kummerċjali u ekonomiku. Anzi, jekk irridu nkunu eżatti, anke dawn l-ewwel vjaġġi ta' Cook kienu essenzjalment attivitajiet kulturali u soċjali. L-ewwel vjaġġ kien organizzat biex issir laqgħa kontra l-alkoħoliżmu u t-tieni vjaġġ għal Pariġi bħala solidarjetà mal-ħaddiema ta' Pariġi.

ħarsien u l-kura tal-wirt storiku, bħalma huma l-knejjes, il-monumenti u t-tempji neolitiċi.

Ħafna jakkużaw lit-turisti li qed iħallu influwenza kerha fuq il-moralità f'pajjiżna. L-akbar influwenza mhix ġejja mit-turisti barranin f'pajjiżna, iżda mill-mezzi ta' komunikazzjoni u mill-fatt li l-Maltin ukoll qed imorru barra bħala turisti. Xi wħud mit-turisti huma *facilitating factor* biex il-Maltin jimitaw l-i*screen*!

## Il-kontribut tal-Knisja

34

Quddiem dan l-aġent ta' influwenza fuq pajjiżna, il-Knisja tista' tikkontribwixxi billi ssaħħaħ bis-serjetà l-identità tagħha, u l-identità tal-kultura Maltija. Bħalma llum l-istudenti għandhom il-*media studies*, hemm bżonn li jkollhom ukoll *leisure studies*. B'hekk inkunu nistgħu nrawmu ġenerazzjoni li ma tistagħġibx u tibla' l-ġdid, imma li tixtarr kollox u taċċetta dak li jagħmilha aktar umana. Inkella flok żvilupp soċjali u kulturali jkollna prostituzzjoni ta' dawn it-tnejn.

Fuq l-eżempju ta' Pawlu fl-Arjopagu, il-Knisja tista' tagħmel mis-sitwazzjoni turistika f'pajjiżna għalqa għammiela għall-Mulej. Fuq il-mudell ta' inizjattivi mibdija (bħall-ħidma f'Dar l-Emigrant) tista' twessa' l-attivitajiet tagħha billi:

(i) tintroduċi korsijiet edukattivi b'temi bħal "Katekeżi permezz ta' l-Arti";

(ii) tara li l-knejjes tagħna jkunu ċentri ta' akkoljenza għal min iżurhom primarjament għal skop kulturali;

(iii) toħloq organizzazzjonijiet għall-gwidi tat-turisti;

(iv) tagħmel mill-mużewijiet tagħha ċentri tabilħaqq edukattivi;

(v) twaqqaf bibljoteki li jispeċjalizzaw fil-wirt kulturali nisrani.[30]

[30] Għal dawn u idejat oħra, ara *Towards a Pastoral Approach to Culture*, 37.



# Kap V

# IL-KNISJA U L-EDUKAZZJONI

## L-edukazzjoni: qasam ta' importanza kbira

35

Il-Knisja tqis il-kamp ta' l-edukazzjoni bħala qasam importanti ħafna, għax jolqot l-iżvilupp morali u spiritwali tal-bniedem. Matul is-Sinodu, ħareġ ċar li dan il-qasam jeħtieġ riflessjoni u approfondiment akbar. Għalhekk, fiż-żmien li ġej, il-Knisja għandha tagħti konsiderazzjoni kbira lil dan il-qasam.[31]

## Impenn fl-iskejjel

36

F'Malta, il-Knisja għandha tradizzjoni twila ta' rabta qawwija ma' l-edukazzjoni. Hi kellha, u għad għandha, l-iskejjel tagħha, għalkemm ilkoll nafu li n-natura ta' dawn l-iskejjel ma għadhiex eżattament bħalma kienet qabel. Dan qed jiġri għal ħafna raġunijiet, fosthom minħabba l-fatt li l-iskejjel immexxija mir-reliġjużi issa għandhom għadd ħafna iżgħar ta' reliġjużi fihom.

Kienet ħaġa ovvja li min jibgħat lil uliedu fi skola tal-Knisja kien jistenna li dawn jiksbu edukazzjoni serja u sħiħa, kif ukoll li jkunu jistgħu jixorbu valuri nsara sodi. Wieħed jista' jsib dawn il-valuri llum ukoll, min-naħa l-waħda għaliex l-iskejjel tal-Knisja għadhom immexxija mir-reliġjużi, u min-naħa l-oħra għaliex hemm ħafna lajċi, li huma kattoliċi prattikanti, li jgħallmu f'dawn l-iskejjel.

Iżda r-rabta tal-Knisja ma' l-edukazzjoni m'hijiex biss evidenti fl-hekk imsejħa "skejjel tal-Knisja". Nafu li hemm qassisin, reliġjużi, kif ukoll lajċi kattoliċi prattikanti li jgħallmu fi skejjel oħra, sew dawk ta' l-Istat u sew

31 Matul il-laqgħat ta' l-Assemblea tas-Sinodu, kien hemm oqsma partikulari li ġew identifikati mill-Assemblea bħala oqsma li jeħtieġ li jiġu studjati fil-fond, u jsiru dokumenti għalihom; fost dawn hemm il-qasam ta' l-edukazzjoni u l-Knisja. Dwar xi punti konnessi ma' dan il-qasam, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Djakonija u Ġustizzja*, 16.

privati. Dak li hu validu għall-iskejjel tal-Knisja f'dan ir-rigward huwa wkoll validu għal kull skola oħra. Dan ifisser li l-Knisja kollha għandha dejjem aktar tagħmel ħilitha sabiex tisħaq fuq il-formazzjoni kontinwa tal-membri tagħha kollha, l-aktar (f'dan il-kuntest) ta' dawk li jgħallmu sew fl-iskejjel tagħha kif ukoll f'kull skola oħra. B'dan il-mod il-Knisja tkun qed teżerċita influwenza pożittiva fuq il-qasam kollu ta' l-edukazzjoni.[32]

## Il-valur tal-proċess edukattiv

37

Il-Knisja temmen li kull darba li l-bniedem ifittex is-sewwa, ikun qiegħed fil-fatt ifittex lil Alla stess. Għalhekk waħda mill-ħwejjeġ ewlenin hija formazzjoni intellettwali mill-aktar soda tal-bniedem sa minn mindu jkun għadu żgħir. U hawn ta' min jgħid li għandu jkun hemm rabta bejn il-fażijiet kollha ta' l-edukazzjoni: mill-*play schools* sa l-Università. Il-fil komuni għandu jkun dak mogħti minn edukazzjoni li tisħaq fuq il-fatt li kull bniedem għandu jfittex is-sewwa, ikun miftuħ lejh, u b'hekk jara l-valur tas-sewwa fih innifsu.

Fil-prattika, dan kollu jfisser li fl-edukazzjoni għandna nisħqu ħafna fuq il-proċess ta' kif wieħed jifhem il-ħwejjeġ, ħafna iktar milli fuq l-akkumulazzjoni (spiss bla sens) ta' ħafna fatti li bosta drabi lanqas huma biss marbuta ma' xulxin. It-tfal fl-iskola u l-istudenti universitarji għandhom jieħdu gost jitgħallmu u jaħsbu b'moħħhom, u mhux jiġu mifnija bil-famuż "privat" jew b'*assignments* u eżamijiet esaġerati. F'kull stadju ta' l-edukazzjoni, il-prijorità għandha tkun dik li l-bniedem jasal biex ikollu rispett kbir tas-sewwa, sakemm fl-aħħar jasal biex jagħraf li għandu wkoll iqim is-Sewwa.

32 Dwar il-missjoni ta' l-iskejjel tal-Knisja, ara Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *The Catholic School on the Threshold of the Third Millennium* (28 ta' Diċembru 1997).

Valuri bħal dawn huma għal qalb il-komunità kattolika, u għalhekk il-Knisja – permezz tal-membri tagħha kollha – għandha tgħixhom u tgħallimhom. Issa huwa ċar li l-Knisja ma tara l-ebda firda bejn edukazzjoni ġenerali u r-reliġjon, li tħaddan fiha l-milja tas-sewwa, li fl-aħħar mill-aħħar huwa Alla stess. U għalhekk ukoll, il-Knisja tintegra t-twemmin reliġjuż tagħha ma' l-għerf ġenerali. Dan kollu jħaddan fih il-fidi, u f'dan l-aspett wieħed ikollu jsemmi d-dmir ta' kull membru tal-Knisja li jxerred it-twemmin u valuri li jħaddan, kif ukoll li, fuq kollox, jgħixhom.

## L-għajxien tal-fidi f'dan il-qasam

38

L-edukazzjoni toffri opportunità mill-isbaħ sabiex wieħed jagħmel dan. L-għalliem kattoliku għandu okkażjoni sabiħa biex fl-iskejjel (sew dawk tal-Knisja sew oħrajn) kif ukoll fl-Università jgħallem b'mod li jwassal lill-bniedem biex jaħseb b'moħħu u jħobb is-sewwa fih innifsu. Iżda għandu wkoll l-okkażjoni biex jgħix dak li jgħid li jemmen sew fuq livell ta' valuri ta' l-edukazzjoni u sew ta' valuri ġenerali, u biex jgħix skond il-fidi reliġjuża li jħaddan.

F'dan l-aspett, wieħed irid jisħaq fuq l-importanza li wieħed jgħix dak li jemmen. Għalkemm ir-reliġjon tagħna ma tiġġarrafx minħabba n-nuqqasijiet tagħna, iżda huwa ċar li l-membri tal-Knisja jkunu qed jagħtu l-kontribut siewi tagħhom meta jgħixu dak li jgħidu li jemmnu, u b'hekk jaslu biex ikollhom influwenza fuq is-soċjetà għall-ġid aħħari tagħha stess.

Il-Knisja f'Malta diġà għamlet ħafna fil-qasam edukattiv, u għad tagħmel ħafna iktar jekk ixxerred il-prinċipji edukattivi u l-valuri tagħha mhux biss fl-iskejjel, iżda wkoll f'kull qasam tas-soċjetà. Dwar l-ispirtu li għandu janima l-edukazzjoni nisranija, jiġifieri t-tfittxija għall-verità, il-Knisja għandha tisħaq fuq tip ta' edukazzjoni fejn kull bniedem (sew it-tfal żgħar ġo skola, u sew il-kbar fl-Università) jitgħallem jixtarr u jaħseb b'moħħu.

## L-għażla preferenzjali għall-fqar

39

F'dan kollu l-Knisja ma tistax tinjora l-għażla preferenzjali għall-fqar[33] li hi kienet ħadet bħala komunità universali fil-Konċilju Vatikan II u kompla jisħaq fuq din it-tema l-Papa Pawlu VI fl-Enċiklika *Populorum Progressio*.[34] Fil-qasam ta' l-edukazzjoni, dan irid jidher ċar. F'dan il-qasam saru xi sforzi iżda jeħtieġ li l-Knisja f'Malta tinxteħet b'ruħha u ġisimha aktar wara l-fqir – jiġifieri tagħmel l-għażla preferenzjali ma' min hu żvantaġġat jew emarġinat għal xi raġuni. Meta l-Knisja tagħmel dan, issaħħaħ ir-rwol tagħha ta' edukatriċi.

## Formazzjoni tal-lajċi

40

Jeħtieġ li sa minn issa stess, nagħtu każ sew tal-fatt li għalkemm l-iskejjel tal-Knisja sa llum għadhom immexxija mir-reliġjużi, dawn qed jonqsu, filwaqt li l-għadd tal-lajċi qiegħed jiżdied u għad jieħdu t-tagħlim kollu u t-tmexxija f'idejhom. Għalhekk jeħtieġ li l-lajċi li jgħallmu fl-iskejjel tal-Knisja jkunu, minn issa, imħejjija iżjed f'dik li hi formazzjoni serja u kontinwa tal-fidi tagħhom.

Hija pożittiva u ta' min ifaħħarha l-inizjattiva li qed tittieħed minn uħud mill-kongregazzjonijiet reliġjużi fejn qed iwaqqfu assoċjazzjonijiet għal dawk il-lajċi li jkunu impjegati magħhom jew persuni qrib tagħhom biex jgħaddulhom l-ispiritwalità li huma stess qed jgħixu u jaqsmu magħhom il-kariżma li jħaddnu. Dan qed jgħin kemm għall-preżent, biex il-lajċi wkoll ikollhom l-istess valuri, kif ukoll għall-futur, meta jridu jkunu l-lajċi li jmexxu.

[33] Dwar din it-tema, ara wkoll id-dokumenti tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja komunjoni*, 45; *Lajċi Nsara*, 49; *Djakonija u Ġustizzja*, 9.

[34] Ara Bernadette Zammit Lupi, *The Church of the Poor in the Social Doctrine of Paul VI*, Malta 2003.

Barra minn hekk, dejjem hemm il-ħtieġa li sew il-lajċi u sew ir-reliġjużi li jgħallmu fl-iskejjel tal-Knisja jkollhom formazzjoni fl-aqwa metodi ta' tagħlim li hawn u fil-kollaborazzjoni flimkien. Din il-ħtieġa ta' formazzjoni tgħodd ukoll għal dawk il-membri tal-Knisja li huma impenjati fl-edukazzjoni fi skejjel li m'humiex tal-Knisja.

Biex tisseddaq il-formazzjoni nisranija *on-going* tal-għalliema li ħerġin mill-Università, tkun ħaġa f'waqtha li l-Fakultajiet ta' l-Edukazzjoni u tat-Teoloġija ta' l-Università jikkollaboraw flimkien f'ħolqien u twettiq ta' programmi adegwati għal dan il-għan.

## Kummissjoni Kultura

41

Kien pass pożittiv li fil-Pjan Pastorali (1986-1991) inħaseb biex titwaqqaf Taqsima Kultura fi ħdan is-Segretarjat għall-Edukazzjoni. Imma l-esperjenza wriet li minħabba l-ħidma intensiva li trid titwettaq fis-Segretarjat għall-Edukazzjoni, it-Taqsima Kultura ma rnexxielha qatt tieħu r-ruħ. Għalhekk tajjeb li titwaqqaf Kummissjoni Kultura li tkun bħall-kummissjonijiet l-oħra fis-Segreterija Pastorali. L-għanijiet ta' din il-Kummissjoni jkunu li:

(i) iġġib 'il quddiem kultura ta' ispirazzjoni kattolika;
(ii) iżżomm dokumentazzjoni relatata mal-kultura u l-edukazzjoni;
(iii) iżżomm kuntatt ma' istituzzjonijiet oħra, kattoliċi u m'humiex.

F'dan il-kuntest jeħtieġ li jiġi enfasizzat ir-rwol importanti li għandu l-Istitut Kattoliku li l-funzjonijiet tiegħu huma primarjament li:

- iġib 'il quddiem il-kultura ta' ispirazzjoni kattolika;
- isaħħaħ ir-rabta bejn il-fidi u l-kultura sabiex il-kultura ta' żmienna tibqa' mnebbħa minn valuri evanġeliċi;
- ikun ta' ispirazzjoni għall-istituzzjonijiet kulturali kattoliċi l-oħra fil-pajjiż.



# Kap VI

# IL-KNISJA U X-XJENZA

## It-tiftix bla heda għall-verità u x-xjenza

42

Il-bniedem hu maħluq xbieha ta' Alla. Ifittex 'l Alla sabiex jagħrfu u jħobbu. Sa mill-bidu tal-ħolqien insibu argumenti konverġenti u konvinċenti li jwasslu lill-bniedem ikun ċert li Alla jeżisti tassew.[35] L-imħabba u l-verità huma l-qofol ta' l-eżistenza tal-bniedem. Għalhekk f'Alla, li Hu Verità u Mħabba, il-bniedem isib il-milja tar-realtà tiegħu. B'mod konkret, din ir-realtà sħiħa għandha bħala xhud ewlieni lil Kristu li qalilna li kull min iħobb il-verità jisma' leħnu (Ġw 18,37). L-Ispirtu jgħinna sabiex nagħżlu l-verità f'dak kollu li naraw madwarna jew ngħaddu minnu. L-ebda bniedem ma jista' jibqa' indifferenti quddiem il-mistoqsija jekk dak li jaf hux veru jew le. Is-sejba tal-verità tnissel ferħ kbir fil-bniedem.[36]

Ir-riċerka fil-qasam tax-xjenza matul l-aħħar sekli wasslet sabiex il-bniedem seta' jagħraf huwa stess b'mod oġġettiv ħafna veritajiet dwar dak li jinsab madwaru. Dan wassal għal skoperti kbar u fundamentali, b'riżq il-progress ġenwin ta' l-umanità kollha. Il-bniedem issieħeb aktar mill-qrib fil-misteru tal-ħolqien u kellu f'idejh għodda importanti biex jikkollabora mal-Ħallieq u jħares u jiżviluppa l-ħolqien.

## L-iżvilupp xjentifiku

43

Ix-xjenza toffri deskrizzjoni ta' kif jaħdem il-ħolqien. L-iżvilupp xjentifiku kien sinjal ta' qawmien ġdid fil-bniedem. Għall-Knisja ta' Kristu, imsaħħa bil-fidi, l-iżvilupp xjentifiku kien konferma li Alla, li sa mill-bidu ħatar lill-bniedem biex jieħu ħsieb il-ħolqien u n-natura (ara Ġen 1,28), tah ukoll

[35] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 31.

[36] Ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Fides et Ratio* (14 ta' Settembru 1998), 25.

il-mezzi sabiex jiskopri l-bażi vera ta' l-eżistenza tiegħu u b'hekk jasal għandu.[37]

L-iżvilupp xjentifiku li sar kien possibbli bis-saħħa tal-Kristjaneżmu. Il-Knisja Kattolika emmnet minn dejjem li hemm raġuni għall-univers, anzi li dan inħoloq minn Alla. Matul il-Medju Evu żviluppat fil-ħassieba kattoliċi l-ideja illi d-dinja ta' madwarna tikkonsisti f'materja li teżisti fiżikament u li taħdem f'ċertu ordni u b'ċerti liġijiet. Fl-aħħarnett, għalina l-insara, l-univers u d-dinja għandhom bidu u tmiem. Dan kien storikament fundamentali għall-iskoperti tal-liġijiet elementari tal-fiżika li jiddeskrivu l-proċessi fiżiċi irriversibbli li jiġru fid-dinja ta' madwarna.

## L-isfidi pastorali fil-qasam tax-xjenza

44

It-tixrid tax-xjenza għen lill-bniedem jiskopri postu fl-immensità ta' l-univers. Tah ċertu kontroll fuqu nnifsu u fuq id-dinja ta' madwaru bir-riżultat li xi bnedmin waslu biex jaħsbu li jistgħu jgħaddu mingħajr Alla jew li Alla m'għadx fadal post għalih.

L-isfida pastorali hija li nwasslu lin-nies ta' madwarna biex jiskopru u jammettu l-eżistenza ta' ħwejjeg li jisbqu l-esperjenza umana. Fadal ħwejjeġ misterjuzi madwarna li ma nistgħux nispjegawhom bil-moħħ tagħna jew bir-riċerka xjentifika. Tajjeb li nassiguraw illi qed nużaw bl-aktar mod għaqli l-kisbiet tax-xjenza moderna sabiex, bl-akbar umiltà, insibu u nimxu fit-triq li mill-esperjenza u l-intelliġenza tagħna twassalna biex nagħrfu u niskopru lil Alla Ħallieq.[38]

L-esperjenza kattolika tax-xjenza trid tkun ibbażata fuq is-superjorità ta' l-ispirtu fuq il-materja iżda li fl-istess waqt tfittex armonija bejn tagħrif

37 Ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus Annus* (1 ta' Mejju 1991), 38-39.

38 Ara *Towards a Pastoral Approach to Culture*, 11.

xjentifiku u l-bniedem sħiħ li huwa magħmul minn spirtu u materja. M'għandhomx ikunu ripetuti l-iżbalji tal-Knisja fi żmien Galileo. Għandha ssir distinzjoni bejn il-fidi u x-xjenza. Għandna nkunu ċari jekk aħniex qegħdin nittrattaw problema mil-lenti tal-fidi jew mil-lenti tax-xjenza. Għandna bżonn iż-żewg perspettivi sabiex nagħtu bixra sħiħa u li tagħmel sens. Irridu nġibu flimkien l-għana tal-għerf tal-bniedem u s-sbuħija ta' l-iskoperti xjentifiċi u nsarrfuhom f'teknoloġija moderna li hija ta' benefiċċju bla qies għall-bniedem.

Dejjem u f'kull cirkustanza rridu nippreferu l-valuri tar-raġuni u tal-verità. L-ordni u l-organizzazzjoni tan-natura jridu jibqgħu bla mittiefsa kif ħalaqhom Alla. Meta x-xjenzat jinjora dan, jintilfu t-tifsila u t-tifsira sħaħ tal-ħolqien, u l-intervent tax-xjenza jġib għawġ u diżordni.[39] Imsaħħin mill-valuri tar-raġuni u tal-verità kif insibuhom fl-Evanġelju u fit-tagħlim tal-Knisja tul is-sekli, l-operaturi kattoliċi fil-qasam tax-xjenza jitgħallmu jużaw l-għerf tagħhom b'riżq il-bniedem sħiħ. F'din il-missjoni delikata għandhom isibu l-gwida u l-appoġġ tar-rgħajja spiritwali.

## Ix-xjenza f'Malta

45

Malta għandha tradizzjoni antika u qawwija fil-qasam tax-xjenza, kemm fil-kamp mediku u kemm fil-qasam tax-xjenza applikata. Il-mediċina f'Malta kellha u għad għandha numru sabiħ ta' professuri li jagħmlulna unur b'kontribut fi skoperti u avvanzi li ġabu livell ta' saħħa aqwa fil-bnedmin ħuthom. L-operaturi fil-qasam tax-xjenza m'humiex biss it-tobba. Għandna d-dentisti, l-ispiżjara, l-infermiera, il-qwiebel, il-paramediċi, il-fiżiċi, l-analisti, il-bioloġi, il-kimiċi u numru ieħor ta' speċjalisti fil-qasam tax-xjenza. Dan il-wirt uman u l-kuntatti mill-qrib ma' ċentri ta' eċċellenza u ta' riċerka fid-dinja wasslu f'pajjiżna b'ħeffa kbira dak it-titjib li llum jagħmilna wieħed mill-

[39] Ara *Fides et Ratio*, 85.

aktar popli b'saħħithom fid-dinja.[40] Il-Knisja tagħraf dan u turi apprezzament għal dan il-kontribut.

Waslu fostna wkoll sfidi għall-operaturi kattoliċi bħall-kontraċezzjoni, id-dijanjosi pre-natali, il-prokreazzjoni assistita, u t-trapjanti u d-donazzjoni ta' l-organi. Ir-riċerka ġenetika daħlet f'pajjiżna wkoll u bla dubju ser ikollna niddiskutu l-*cloning* u l-interventi fuq il-ġenoma tal-bniedem. Dwar dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka ġenetika bħalissa hemm vojt kbir ta' leġislazzjoni f'pajjiżna. Għalkemm hemm sforzi biex issir xi ħaġa serja, s'issa pajjiżna m'għandu l-ebda leġislazzjoni li tikkontrolla din ir-riċerka. Dan hu perikoluż ferm; il-konsegwenzi ta' riċerka ġenetika mingħajr etika adegwata u mingħajr kontroll mill-Istat jistgħu jkunu negattivi ħafna.

Fil-qasam tar-riċerka u x-xjenza applikata, saru passi kbar fl-industrija, fl-agrikultura, fil-provvista ta' l-ilma u l-enerġija, fit-tisfija tad-drenaġġ u fir-riċiklaġġ ta' l-iskart. Dawn għenu sabiex pajjiżna żviluppa u sar pajjiż modern, iżda f'ċerti każijiet kienu kawża ta' ħsara serja fl-ambjent. L-isfidi f'dan il-qasam jinkludu l-użu bla kontroll ta' kimiċi, antibiotiċi u pestiċidi, l-użu ta' prodotti modifikati ġenetikament, u l-produzzjoni ta' skart u dħaħen tossiċi.

## Id-difiża tal-ħajja: il-valur ċentrali

46

Filwaqt li x-xjenza u t-teknoloġija stabbilew ruħhom bħala mezzi sabiex jiżdied l-għerf, il-qawwa u s-saħħa tal-bniedem, l-użu responsabbli ta' dawn ir-riżorsi jitlob kriterji sodi ta' etika. F'dan it-tlaqqigħ bejn ix-xjenza u l-moralità rridu mmorru 'l hinn minn dak li hu ovvju biex inkunu tassew rilevanti u nirrispettaw il-valur tal-verità. L-iżvilupp tal-bioetika introduċa l-aspetti kulturali, politiċi u legali fil-qasam tax-xjenza.

40 Ara Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa, *World Health Report 2000*.

Id-difiża tal-ħajja dejjem u f'kull forma tagħha hija l-valur ċentrali li jridu jħaddnu l-persuni li jaħdmu fl-oqsma tax-xjenza. Madwar dan tissawwar il-ħidma fejjieda ta' dawn l-operaturi b'riżq ħuthom fil-bżonn. Id-difiża tal-ħajja fid-dinja kollha titlob sagrifiċċji kbar minn dawk li jkunu lesti li jirrinunzjaw għal promozzjonijiet u remunerazzjoni biex ma jissiħbux f'atti li jmorru kontra l-ħajja. Hu xieraq li lil dawn insellmulhom bħala martri siekta ta' żmienna.

## Il-kontribut tal-Knisja

47

Ir-regolamentazzjoni professjonali u l-kodiċi ta' l-etika jgħinu biex jinżammu ċerti normi iżda ma jorbtux lil kulħadd. Il-funzjoni tagħhom aktarx tiffoka fuq il-kontroll tal-professjonisti. Jeħtieg ħafna aktar minn hekk biex niggwidaw u niffurmaw l-operaturi kattoliċi. Ma jeżisti xejn strutturat jew li japplika fil-kuntest lokali min-naħa tal-Knisja f'Malta. Jeżistu biss individwi jew gruppi żgħar li jieħdu interess personali billi jikkonsultaw pubblikazzjonijiet u dokumenti ta' ispirazzjoni kattolika jew kristjana sabiex jgħinu lil sħabhom jiffurmaw kuxjenza nisranija korretta. Ma nistgħux niddependu fuq l-illużjoni li sa issa rnexxielna nżommu 'l bogħod il-mewġ tas-sekulariżmu fil-qasam tax-xjenza.

Is-sehem tal-Kattoliċi fil-qasam tax-xjenza f'pajjiżna huwa fundamentali sabiex noħolqu djalogu serju f'soċjetà li għandha kuxjenza soċjali u ħajja ċivili bbażata fuq kriterji etiċi sodi. Dan is-sehem irid jiġi sostnut b'azzjoni f'waqtha u li tista' tittieħed f'livelli differenti. B'mod partikulari, fil-qasam tal-bioetika, li fih il-Knisja f'Malta tat sehem ewlieni, għandha tkompli tkun rappreżentata fl-entitajiet pubbliċi li għandhom responsabbiltà li jfasslu *policies* u liġijiet.

Irridu nġibu flimkien l-aqwa mħuħ mill-oqsma tax-xjenza, tal-filosofija u tat-teoloġija sabiex flimkien jistudjaw l-iżviluppi fix-xjenza u teknologija li għandhom impatt lokali u li jirrappreżentaw sfidi għat-tagħlim ta'

l-Evanġelju u tal-Knisja f'Malta. Nidentifikaw il-punti ta' kuntatt u ta' konflitt sabiex nippreżentaw b'mod ċar il-verità fid-dawl tal-fidi u tax-xjenza. Fid-dawl ta' dan il-proċess ta' djalogu, ikun xieraq li l-Fakultà tat-Teoloġija jkollha laqgħat ta' djalogu mal-Fakultajiet tax-Xjenzi.[41]

Nistiednu lill-operaturi kattoliċi fil-qasam tax-xjenza sabiex joffru parti mill-ħin tagħhom f'dan l-appostolat tal-Knisja sabiex f'pajjiżna nseddqu kultura ta' djalogu u riflessjoni dwar kif jimxu flimkien ix-xjenza u l-fidi.

## Kunsill tax-Xjenza

48

Għandu jitwaqqaf Kunsill tax-Xjenza fuq il-linji ta' l-Akkademja Pontifiċja tax-Xjenzi, fejn numru ta' esperti minn oqsma differenti tax-xjenza, filosofija u teoloġija:

(i) jagħtu appoġġ lil dawk li jaħdmu f'dawn l-oqsma;

(ii) ikunu responsabbli wkoll li jwaqqfu gruppi ta' professjonisti fil-qasam tax-xjenza biex joffru formazzjoni etika fl-oqsma differenti;

(iii) ifasslu l-pariri li fuqhom ir-rgħajja spiritwali jkunu jistgħu jieħdu pożizzjoni pubblikament, l-aktar fuq kwestjonijiet ta' etika.

## Ħtieġa ta' informazzjoni

49

Dan kollu ma jagħmilx sens sħiħ jekk mhux magħqud ma' *policy* ċara ta' informazzjoni fil-livelli kollha u bil-mezzi kollha li l-Knisja għandha jew jista' jkollha fil-futur. Jeħtieġ nagħmlu użu aħjar u aktar estensiv mill-gazzetti, mill-mezzi tax-xandir u mill-*internet* u mezzi oħra elettroniċi.[42] Iżda rridu

[41] Ikun xieraq ukoll li jerġa' jiġi introdott l-i*study unit "Science and Theology"* jew xi ħaġa tixbhu.

[42] Ara x'intqal dwar il-Knisja u l-*media*, paragrafi 15-16.

naslu wkoll għand l-individwi b'kuntatt personali u b'informazzjoni aktar rilevanti skond il-professjoni.

L-operaturi kattoliċi fil-qasam tax-xjenza jridu jħossuhom parti mill-Knisja. Iridu jieħdu ħsieb u jqaddsu l-ħajja personali tagħhom l-aktar permezz tat-talb. L-Ispirtu tal-Mulej ikun magħhom, ħalli permezz tal-għajnuna li jagħtu lill-proxxmu, isiru jixbhu lil Kristu nnifsu, u permezz tiegħu jaslu għand Alla l-Ħallieq li hu l-Verità sħiħa.



# Kap VII

# IL-KNISJA U L-AMBJENT

## Is-sitwazzjoni preżenti

50

F'dawn l-aħħar snin, fuq il-mezzi tax-xandir kollha, qed jiżdiedu l-ilmenti dwar problemi ekoloġiċi li jaffettwaw mhux biss lill-pajjiżi kbar u industrijalizzati imma anke lil pajjiżna li hu milqut sew minn dawn il-problemi. Esperti f'oqsma xjentifiċi marbuta ma' l-ambjent kif ukoll għaqdiet ambjentalisti f'pajjiżna huma mħassbin ħafna dwar il-qagħda ta' l-ambjent. Jekk mhux ser inbiddlu l-attitudnijiet u l-imġiba tagħna, il-problemi ser jiżdiedu ferm aktar.

Kull sena pajjiżna qed jitlef 2% ta' l-art agrikola tajba u l-bini sfrenat qiegħed kull ma jmur inaqqas spazji ta' ħdura. It-tniġġis tal-baħar, speċjalment matul ix-xhur tas-sajf, hu preokkupanti. Hemm il-problema kbira ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart. L-arja wkoll qed titniġġes dejjem aktar, l-aktar bid-dħaħen tal-karrozzi li f'dawn l-aħħar snin żdiedu ħafna. Dawn huma biss ftit eżempji tal-qagħda ta' l-ambjent Malti.

## Rispett xieraq lejn in-natura u l-ħajja

51

Kemm il-Kelma ta' Alla kif ukoll it-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II jistgħu jdawlu l-analiżi u r-riflessjonijiet tagħna biex nieħdu deċiżjonijiet effettivi favur l-ambjent.

Il-Bibbja fiha diversi passaġġi li jgħaddulna messaġġ pożittiv dwar it-tjubija tal-ħolqien: "U Alla ra li kien tajjeb". Wara li Alla ħalaq ir-raġel u l-mara: "ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u ara kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1,31). Il-"ħakma" tar-raġel u l-mara fuq l-art u kull ma fiha mhix waħda ta' dominazzjoni u sfruttament imma ta' ħarsien u rispett lejn il-maħluq, jiġifieri ta' *stewardship*. Il-bniedem huwa msejjaħ biex ikollu sehem mill-armonija u jżomm l-ordni fin-natura. Diversi ambjentalisti jsibu diffikultà

biex jiddjalogaw mat-tradizzjoni Lhudija u nisranija preċiżament minħabba interpretazzjonijiet tar-rakkonti tal-ħolqien fil-ktieb tal-Ġenesi li jisħqu żżejjed dwar l-antropoċentriżmu bla ma jinkludu l-importanza tal-ħlejjaq l-oħra. B'hekk il-bniedem isir dak li jista' jagħmel li jrid bil-ħlejjaq l-oħra! Il-ħidma ta' Alla fil-ħolqien turina li hemm relazzjoni intima bejn il-Ħallieq, il-bniedem ('*adam*) u l-art ('*adamah*). Huwa d-dnub li jġib id-diżordni f'din ir-relazzjoni intima.[43]

Il-messaġġ ta' Ġwanni Pawlu II fil-Jum Dinji tal-Paċi ta' l-1990 jibqa' messaġġ ta' importanza kbira għall-insara kollha li jifhmu li xi elementi tal-kriżi ekoloġika ta' llum juru l-karattru morali tagħha. Fost dawn l-elementi, il-Papa jsemmi l-applikazzjoni addoċċ tal-progress li sar fix-xjenza u t-teknoloġija.

Il-Knisja, hija u tifhem il-missjoni tagħha fis-soċjetà, qed tagħraf dejjem aktar l-importanza ta' l-etika fl-ekoloġija: "Fi żmienna ħafna qed jintebħu dejjem aktar li l-paċi tad-dinja hi mhedda mhux biss bit-tkattir ta' l-armi tal-gwerra, bi ġlied f'ħafna naħiet tad-dinja u b'inġustizzji ma jieqfu qatt fost il-popli u nazzjonijiet iżda wkoll bin-nuqqas ta' rispett xieraq lejn in-natura, permezz ta' tħarbit addoċċ tar-riżorsi naturali u b'nuqqasijiet dejjem akbar fis-sura tal-ħajja li l-bnedmin qed jgħixu. Dan is-sens ta' nuqqas ta' sigurtà, dan is-sens li xejn ma hu żgur u sod, iwassal biex kulħadd jaħseb biss għal rasu u ma jimpurtah xejn mill-oħrajn, u jwassal ukoll għan-nuqqas ta' onestà fir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom".[44]

## Responsabbiltà ta' l-insara

52

Fl-istess messaġġ, il-Papa jkompli jinsisti li r-rispett għall-ħajja u, fuq kollox, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, għandu jkun in-norma li tmexxi kull progress ekonomiku, industrijali u xjentifiku. Il-Papa jinsisti li hemm ordni fin-natura

43 Ara *Centesimus Annus*, 37.

44 Ara Ġwanni Pawlu II, *Messaġġ għall-Jum Dinji tal-Paċi 1990* (8 ta' Diċembru 1989), 1.

li jrid jiġi mħares għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu. Barra minn hekk, il-Papa jinsisti li "ma jistax ikun hemm ordni ekoloġiku xieraq jekk ma jissewwewx direttament l-istrutturi tal-faqar li jinsabu mxerrdin mad-dinja".[45]

L-interess u l-ħidma favur l-ambjent m'għandhomx ikunu biss għall-ftit li jinteressaw ruħhom mill-problemi ekoloġiċi ta' madwarna. Il-Papa jħeġġeġ lill-insara kollha biex "jifhmu li r-responsabbiltà tagħhom fi ħdan il-ħolqien u d-dmir tagħhom lejn in-natura u lejn il-Ħallieq huma parti essenzjali tal-fidi tagħhom".[46]

## Kummissjoni Ambjent

53

Il-Knisja f'Malta tifhem li l-kwestjoni ta' l-ambjent hija waħda ta' ġustizzja.[47] Fis-snin li ġejjin għandha tkompli tibni fuq dak li diġà qed isir f'dan il-qasam u ssaħħu. Għalhekk għandu jkun hemm Kummissjoni Ambjent fi ħdan is-Segreterija Pastorali, magħmula minn esperti u persuni oħra midħla ta' dan il-qasam biex, fost l-oħrajn, tkattar l-għarfien, is-sensibbiltà u l-edukazzjoni dwar l-ambjent, speċjalment fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, u tfassal *policy*-gwida dwar l-ambjent, kemm għal min għandu responsabbiltà fl-istituzzjonijiet kollha tal-Knisja kif ukoll għal kull nisrani.

## Ħidma fil-Knisja kollha

54

Il-lajċi impenjati, il-kleru, ir-reliġjużi u b'mod partikulari l-kappillani għandhom rwol importanti biex fil-parroċċi kollha n-nies jintebħu aktar bil-

45 *Ibid.*, 11.

46 *Ibid.*, 15.

47 Ara d-dokument tas-Sinodu *Djakonija u Ġustizzja*, 20.

problemi ambjentali fil-lokal tagħhom u biex, b'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali, ifasslu pjan ta' azzjoni biex jitħares l-ambjent lokali.

Il-Knisja għandha ssaħħaħ l-impenn tagħha billi tuża l-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali biex il-poplu Malti jkollu informazzjoni oġġettiva fuq is-sitwazzjoni ta' l-ambjent f'Malta u biex in-nies ikunu motivati ħalli jagħmlu l-qabża minn informazzjoni oġġettiva għal ħidma favur l-ambjent.

L-iskejjel tal-Knisja jistgħu jkunu strumentali fil-bidla tal-mentalità tat-tfal u ż-żgħażagħ li, wara kollox, huma l-ġenerazzjonijiet futuri u li huma wkoll iridu jħallu ambjent f'saħħtu għal min jiġi warajhom. Il-formazzjoni tal-għalliema f'dan il-qasam hija fundamentali u l-Knisja għandha tinvesti flus u *staff* biex l-iskejjel tagħha jagħtu aktar attenzjoni għall-iżvilupp ta' ambjent aktar ġust u inkluživ. L-għalliema għandhom jgħinu biex ibiddlu l-attitudnijiet tat-tfal u taż-żgħażagħ speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' konsumiżmu sfrenat u ma' egoiżmu. Hi meħtieġa edukazzjoni kontra l-vizzji tal-ħela, vandaliżmu u ħmieġ. Trid issir enfasi li l-offiżi kontra l-ambjent huma dnub li joffendu lil Alla u lill-oħrajn.

## Ħidma flimkien ma' l-oħrajn

55

Il-Knisja f'Malta ma tistax taħdem waħedha f'dan il-qasam. Trid neċessarjament tiddjaloga ma' l-esperti f'oqsma tax-xjenza li għandhom x'jaqsmu direttament ma' l-ambjent, ma' gruppi ambjentalisti, kif ukoll mad-dipartimenti governattivi u ma' rappreżentanti tal-partiti politiċi li huma responsabbli għall-ħarsien ta' l-ambjent biex ilkoll niġbdu ħabel wieħed ħalli nsalvaw l-ambjent f'pajjiżna.[48]

[48] Pass fid-direzzjoni t-tajba huwa l-kors dwar l-ambjent li ġie organizzat f'koordinament bejn il-Laboratorju tal-Paci, is-Segreterija Pastorali, id-Dipartimenti tal-Bioloġija u tat-Teoloġija Morali fl-Università ta' Malta.

## Leħen profetiku

56

Madankollu l-Knisja trid iżżomm il-leħen profetiku tagħha ħaj u bla mittiefes. Fejn hemm bżonn, trid toħroġ stqarrijiet biex tiċċara l-pożizzjoni tagħha kif diġà għamlet kemm-il darba, per eżempju meta kien hemm inċidenti ta' vandaliżmu fuq postijiet storiċi u propjetà pubblika,[49] fis-sena bi tħejjija għall-Millennju ġdid u ftit qabel il-Festa liturġika ta' San Anton Abbati li b'rabta magħha teżisti d-drawwa li jsir it-tberik ta' l-annimali,[50] fil-każ tal-bini tas-simenterija fiċ-ċentru ta' Malta viċin l-abitat,[51] fil-każ tal-*golf course* tar-Rabat,[52] meta saru atti vandali fuq it-tempji ta' l-Imnajdra,[53] fil-messaġġ ta' l-Arċisqof għall-Milied 2001[54] u fl-Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija 2002.[55]

Bħal kull ħidma favur il-ġustizzja, il-ħidma għall-ħarsien ta' l-ambjent hija waħda li titlob ħafna kuraġġ u perseveranza. Il-Knisja ma għandha taqta' qatt qalbha f'din il-ħidma anzi trid tkompli twieżen lil dawk kollha li qed jaħdmu biex il-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom tama għall-ġejjieni tagħhom u ta' wliedhom.

49 Ara *Bullettin ta' l-Arċidjoċesi* 81 (Ġunju 1994), 142.

50 Ara *ibid.*, 101 (Settembru 1999), 488-491.

51 Ara *ibid.*, 102 (Settembru 1999), 589-590.

52 Ara *ibid.*, 108 (Marzu-April 2001), 279-280.

53 Ara *ibid.*, 109 (Mejju-Ġunju 2001), 360.

54 Ara *ibid.*, 113 (Jannar-Frar 2002), 61.

55 Ara *ibid.*, 116 (Awissu-Ottubru 2002), 352-355.



## Kap VIII

# IL-KNISJA U L-WIRT KULTURALI

## Il-Knisja u l-wirt kulturali

57

Malta għandha wirt ta' valur bla qies meta tqabblu maċ-ċokon tagħha, u dan nilmħuh f'dak kollu li jagħmilna Maltin: ir-reliġjon nisranija, il-valuri morali, il-valuri soċjali l-aktar dawk tal-għożża tal-familja, ilsienna, l-ambjent soċjali u fiżiku tal-gżejjer, l-arkeoloġija, l-istorja, il-mużika, l-arkitettura, l-arti, il-folklor. Billi l-Knisja Kattolika hija, bla tlaqliq, l-għerq l-aktar permanenti u kostanti ta' l-istorja tagħna, dawn l-aspetti kollha karatteristiċi ta' dak li hu Malti jintisġu u jintgħaġnu mal-fidi nisranija li l-Knisja xettlet, ħarset, saqqiet u kabbret matul is-sekli sa llum.

## Ħarsien tal-memorja storika

58

Hekk kif kull individwu u kull komunità ma jistgħux jgħixu mingħajr storja, għaliex l-identità tagħhom għandha għeruqha mxenxla magħha, hekk xejn anqas il-Knisja ssib sisienha fil-memorja ħajja ta' l-istorja tas-salvazzjoni li l-Ewkaristija terġa' tattwalizza mill-ġdid. Għalhekk, xogħol karatteristiku li għandha twettaq il-komunità nisranija hu li tħares kull memorja storika milli tintilef.

Għaldaqstant dak kollu li hu ta' xhieda, billi jagħti forma u sustanza lil dil-memorja, għandu jingħata attenzjoni partikulari. Il-komunità nisranija għandha tieħu ħsieb li ssir taf aħjar u twassal għarfien usa' tal-kontenuti ikonografiċi, teoloġiċi, bibliċi, valuri storiċi u artistiċi, arkeoloġiċi u letterarji tal-wirt kollu afdat lilha. Trid tingħata l-ħajja lill-kultura ta' żmienna sabiex torqom, flimkien mas-sensibbiltà tal-fidili, il-kapaċità espressiva ta' dawk li f'idejhom tista' tiġi fdata. Hekk il-messaġġ ta' fidi u salvazzjoni ikun "dawl qawwi" għall-ġenerazzjonijiet futuri.[56]

56 Ara Diocesi di Milano, *Sinodo 47º*, 541.

Kważi f'tensjoni ma' dawn il-prinċipji jgħodd ħafna l-kliem tal-Kardinal Lercaro f'wieħed mid-dibattiti fil-Konċilju fuq dan is-suġġett fejn jara dmir ieħor tal-Knisja *vis-à-vis* l-kultura, jiġifieri dak li jgħallem Kristu fl-ewwel beatitudni – "Imberkin intom il-foqra" (Luqa 6,20). Il-Knisja għandu jkollha l-kuraġġ, jekk ikun meħtieġ, li tiċċaħħad minn dan il-għana, jew ta' l-inqas ma tistmahx aktar milli ta' li hu u li qatt ma tiddandan bih billi ta' sikwit hu l-każ li dan il-ġid jaħbi "taħt il-modd" u ma jqegħidx "fuq l-imnara" (ara Mt 5,15) il-messaġġ ta' l-Evanġelju. Il-Kardinal Lercaro bl-ebda mod ma jixtieq jara fil-Knisja faqar negattiv imma jisħaq fuq id-distinzjoni bejn faqar evanġeliku u dak li joħloq il-bniedem. Fi ftit kliem, il-Knisja jeħtieġ li ma tibqax imqabbda u ggranfata mal-għana ta' l-imgħoddi saħansitra f'sistemi ta' ħsieb u ta' espressjonijiet artistiċi. Filwaqt li żżomm riġlejha ankrati fl-Iskrittura Mqaddsa, il-Knisja għandha tesplora l-ilsna ġodda u l-idjomi ġodda tal-kultura kontemporanja u tal-valuri emerġenti. Dan it-tip ta' distakk u umiltà jissarrfu fi kredibbiltà ġdida u qawwa reliġjuża irreżistibbli.[57]

## Kura, promozzjoni, amministrazzjoni

59

Jidher, għalhekk, li r-rwol tal-Knisja għandu żewġ aspetti. Min-naħa l-waħda għandha dmir li tkun kuratur u promotriċi ta' dak is-sehem tal-wirt kulturali ta' pajjiżna li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħha u għalhekk għandha l-obbligu li tħarsu għall-ġenerazzjonijiet futuri. Mill-banda l-oħra għandha żżomm ruħha distakkata minnu sabiex tkun tabilħaqq xhieda effikaċi ta' l-Evanġelju. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Knisja għandha jkollha atteġġjament ta' responsabbiltà billi tieħu ħsieb dan il-wirt bil-għaqal u kif jixraq bil-parir espert ta' min hu kompetenti jagħtih u, fl-istess waqt, b'attitudni ta' umiltà u ġenerożità f'li tqiegħed dan il-wirt b'mod miftuħ biex jitgawda mill-poplu.

57 Ara G. Caprile, *Il Concilio Vaticano II – terzo periodo (1964-1965)* , Roma 1965, 318-320.

Fil-prattika, li tkun kuratur, promotur u amministratur jitlob ħidma intensa ta':

(i) **Inventarjar.**[58] Ta' min ifaħħar l-inizjattiva reċenti ta' uffiċċju ta' l-inventarju tal-Beni Kulturali u jfakkar ukoll fl-inventarju li nbeda snin ilu. Fl-istess waqt, tajjeb wieħed iżomm li (a) dan għandu jintemm fi żmien raġunevoli, u li (b) hemm xogħol ieħor ta' inventarjar li għadu lanqas biss inbeda.

(ii) **Konservazzjoni.** Hu dmir tal-Knisja li dan il-wirt jiġi protett minn deterjorament u jinżamm fi stat deċenti ta' konservazzjoni. Biex tikkonserva tajjeb il-wirt kbir tagħha, inklużi knejjes u kappelli rurali, trid fondi kbar. Għalhekk ta' min jinkuraġġixxi, bla ebda konflitt, is-sehem u l-kollaborazzjoni u sponsorizzazzjoni ta' individwi u entitajiet mhux strettament ekkleżjastiċi. Jeħtieġ jingħad ukoll li r-restawr irid isir b'mod professjonali – ħasra li r-restawraturi professjonali huma ftit – u wieħed ma għandux iċedi għat-tentazzjoni li jagħti x-xogħol lid-dilettanti li jitolbu wisq anqas. Il-poplu għandu jiġi edukat biex jikkontribwixxi mhux biss għal aktar opri iżda aktar għall-konservazzjoni tal-wirt li b'tant sagrifiċċju ħallew ta' qabilna.

(iii) **Aċċessibbiltà**. L-operaturi pastorali m'għandhomx jittrattaw il-wirt fdat f'idejhom bħala tagħhom bi dritt assolut iżda jagħmluh aċċessibbli biex jitgawda mill-poplu li l-Knisja għandha d-dmir teduka fil-konfront tiegħu. Dan jista' jsir: (a) bil-ftuħ u manutenzjoni xierqa ta' mużewijiet ta' knejjes u istituzzjonijiet ekkleżjastiċi (kif tisħaq fuqu l-Knisja stess);[59] (b) bil-ftuħ ta' arkivji ekkleżjastiċi (manuskritti u kotba rari) għal riċerkaturi kwalifikati (kif tisħaq fuqu l-Knisja stess),[60] b'faċilitajiet moderni għar-riċerka; (ċ) b'wirjiet minn żmien għal żmien ta' oġġetti artistiċi/dokumenti mid-depożitu, l-aktar fiż-żmien

58 Ix-xogħol ta' inventarjar tisħaq fuqu l-Knisja stess: ara Kummissjoni Pontifiċja għall-Wirt Kulturali tal-Knisja, Ittra Ċirkulari *The Inventory and Catalogue of the Cultural Heritage of the Church: a Necessary and Urgent Task* (8 ta' Diċembru 1999).

59 Ara Kummissjoni Pontifiċja għall-Wirt Kulturali tal-Knisja, Ittra Ċirkulari *The Pastoral Function of Ecclesiastical Museums* (15 ta' Awissu 2001).

60 Ara Kummissjoni Pontifiċja għall-Wirt Kulturali tal-Knisja, Ittra Ċirkulari *The Pastoral Function of Church Archives* (2 ta' Frar 1997), 1-45, speċjalment 39.

tal-festi titolari; (d) bi żjarat gwidati f'dawn il-postijiet għat-tfal ta' l-iskejjel u gruppi ta' adulti organizzati mill-parroċċi jew Kunsilli lokali; (e) b'pubbliċità permezz ta' *brochures*, *pamphlets* u anki fuq l-*internet*.

L-Istitut Kattoliku għandu rwol importanti x'iwettaq f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni tal-fidili f'dan il-kuntest.[61]

Mod konkret kif il-Knisja tista' tesprimi distakk evanġeliku mill-ġid hu billi, filwaqt li tħares l-iskopijiet u l-esiġenzi pastorali tagħha, timxi skond il-ftehim li jkun hemm bejnha u bejn l-Istat biex jitħares il-wirt nazzjonali. Dan għandu jgħodd kemm għall-knejjes djoċesani u kemm għal dawk regolari li, s'issa, f'ħafna sferi, kienu jaġixxu b'mod indipendenti minn kull awtorità oħra, kemm ekkleżjastika u kemm ċivili.

## L-ilsien Malti

60

Rigward l-ilsien Malti, il-Knisja f'Malta qiegħda f'pożizzjoni waħdanija li tista' żżommu ħaj bħala l-ilsien tal-liturġija u tat-tagħlim tal-fidi lill-poplu. Il-Knisja għandha tagħmel minn kollox biex tħares l-użu tajjeb ta' l-ilsien Malti fil-Kotba liturġiċi, fit-traduzzjoni tal-Missal Ruman il-ġdid, fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, fl-Ittri Pastorali ta' l-Isqfijiet, fiċ-ċirkularijiet tal-Kurja, fil-pubblikazzjoni ta' kotba reliġjużi, fl-istqarrijiet għall-Istampa, u b'kull mezz ieħor.

Ta' min ma jinsiex, iżda, li s-sitwazzjoni tal-Malti f'ħalq il-Maltin hi waħda li qed tinbidel, għallanqas f'ċerti nħawi tal-gżira. B'xorti ħażina, ikollu jingħad, jeżistu familji li fihom il-Malti m'għadux mitkellem u fejn it-tfal tabilħaqq ma jifhmuhx. Din hi sitwazzjoni fejn il-kura pastorali ta' dawn

[61] Dwar l-Istitut Kattoliku, ara paragrafu 41.

it-talin ma tistax titwarrab fil-ġenb daqs li kieku ma jeżistux.[62] Għalhekk, fejn jeżistu tfal li ma jafux bil-Malti, tkun provduta istruzzjoni b'ilsien ieħor. Wasal iż-żmien li mezzi ġodda ta' komunikazzjoni fit-tagħlim tal-katekiżmu u fil-liturġija jinħolqu biex ħadd mill-poplu ta' Alla ma jkun imċaħħad mill-għaqda sħiħa mal-Knisja.

## Kultura reliġjuża popolari u l-festi

61

Il-kultura reliġjuża popolari hija l-mod kif il-poplu Malti jgħix ir-reliġjon fil-ħajja ta' kuljum. Taraha, tista' tgħid, f'kull rokna ta' dawn il-gżejjer u tħossha f'ħafna minn dak li jagħmlu l-Maltin. Ftit huma d-djar li ma ssibilhomx slaleb, inkwadri jew statwi ta' Ġesù, tal-Madonna jew ta' xi qaddis, ħafna minnhom b'xemgħa tixgħel quddiemhom. Insibu niċeċ imdawlin f'ħafna kantunieri jew fil-faċċati tad-djar fit-toroq ta' l-irħula u ta' l-ibliet. Ma' dawn inżidu l-mijiet ta' wirjiet ta' vari, statwi u oġġetti sagri fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Nafu kemm jiġbdu nies il-pellegrinaġġi tradizzjonali, l-aktar dawk tad-Duluri. Fil-Milied għadha prevalenti ħafna l-preżenza ta' Bambini u presepji. Żdiedu bil-bosta d-devozzjonijiet, baqgħu popolari l-użu tal-labti u domni, u l-wegħdiet għal xi grazzja maqlugħa. Nisimgħu spiss il-frażi "mort il-knisja nagħmel dmiri" b'referenza għall-quddiesa tal-Ħadd, b'enfasi fuq il-preżenza fil-knisja aktar milli fuq il-kontenut taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Nafu wkoll kemm ikun ġeneruż il-poplu tagħna ma' min hu fil-bżonn u l-kampanji ta' ġbir ta' flus għal għanijiet nobbli jikbru minn sena għal sena.

Nagħmlu tajjeb li nagħrfu kif dawn il-manifestazzjonijiet ibbażati fuq l-esterjorità, l-emozzjoni, u l-pjetiżmu, insarrfuhom f'okkażjoni ta' pastorali aktar profonda li twassal lill-poplu lejn il-valuri veri, awtentiċi u koerenti ta' l-Evanġelju. Dan ifisser l-impenn li l-Knisja għandu jkollha speċjalment permezz tal-kappillani u l-kleru tal-parroċċi.[63]

[62] Qabbel ma' dak li ntqal qabel dwar l-attitudni ta' ftuħ mixtieqa mill-Knisja, f'paragrafu 11.

[63] Ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti*, 53-54.

## Il-festi parrokkjali

62

Forsi l-aktar aspett li fih tesprimi ruħha din il-kultura reliġjuża popolari hu l-festa parrokkjali. Il-festi esterni huma element importanti tal-wirt kulturali folkloristiku tal-gżira. Sa ftit żmien ilu, tista' tgħid fil-lokalitajiet kollha, kienu jintegraw ruħhom tajjeb maċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-festa tal-patrun tal-parroċċa. Minkejja kull tbassir ta' antropoloġi li l-fervur għall-festi kellu jmajna, dawn minflok aktar tkebbsu.

Ħafna jħossu li l-festi esterni f'ċerti lokalitajiet qegħdin iservu bħala sinjal ta' firda. Il-polarizzazzjoni fil-poplu Malti għandha għeruqha fil-fond ta' l-istorja li jmorru lura żgur sal-Medju Evu. Anki fejn hemm festa waħda u saħansitra f'irħula bi ftit eluf ta' abitanti, kultant nibtu fazzjonijiet bil-każini tagħhom – kulur kontra ieħor, banda kontra oħra, kumitat tal-festa kontra każin tal-banda, għaqda kontra oħra – bl-iskuża tkun li b'hekk inkabbru l-festa. Jikbru żgur it-tagħjir, l-esaġerazzjonijiet fin-nar, l-ispejjeż, il-piki, – sabiex grupp jisboq lil ieħor u b'hekk b'riħet il-qaddis patrun ikun hemm skuża sabiex jinħolqu għejun oħra ta' firda fl-irħula u l-ibliet tagħna.

Jekk irridu nkunu sinċieri magħna nfusna, ikollu jingħad li anki l-festi interni m'humiex nieqsa mill-esaġerazzjonijiet u l-kontradizzjonijiet. Hawnhekk il-parroċċi, u b'mod speċjali dawk involuti fl-organizzazzjoni tal-festa interna, għandhom jagħmlu eżami serju dwar il-kriterji li qed imexxuhom fl-għażla ta' orkestri u kantanti, predikaturi ta' tridijiet u paneġierki, reffiegħa ta' vari u ta' min jieħu sehem fil-purċissjonijiet.

Filwaqt li kulħadd jaqbel li l-festa parrokkjali interna u esterna hija xi ħaġa sħiħa, għandna sitwazzjoni li tvarja ħafna minn parroċċa għal oħra dwar min hu responsabbli għall-festi ta' barra. Ilhom isiru appelli għal xi forma ta' kontroll sabiex ma nħallux dawn il-festi jiddeġeneraw. Wasalna f'sitwazzjonijiet dolorużi fejn il-Knisja qed ikollha tiddisassoċja ruħha minn kull manifestazzjoni esterna f'ċerti lokalitajiet. Li huwa ċert hu illi, f'xi

parroċċi, il-kappillani tilfu l-kontroll effettiv fuq il-festi esterni. Hija ħasra li s-sitwazzjoni waslet sa hawn.

Bl-iskop li s-sitwazzjoni titjieb, ħarġu diversi ċirkularijiet u saru regolamenti. Kien hemm xi parroċċi li kienu effettwati u saħansitra tħassru l-festi esterni. Oħrajn ma kinux milquta mir-regolamenti, imma firdiet għadhom jeżistu. Ma nistgħux nagħmlu l-iżball illi tbati l-pastorali fid-djar u l-familji għaliex inkunu aħna li ħloqna jew tajna s-sapport għal dak li qed jifred fil-parroċċa. Tkun traġedja kbira li ma nintlaqgħux fid-djar tan-nies għax inkunu qed inżommu ma' naħa jew oħra.

## Tiġdid tal-festi

63

Il-kappillani għamlu analiżi serja tal-festi parrokkjali kif ukoll rakkomandazzjonijiet, u issa hemm regolamenti ġodda fuq ċerti aspetti tal-festa esterni.[64] Dan is-Sinodu jsostni dan l-isforz għat-tiġdid tal-festi. Għandna niċċelebraw il-festi parrokkjali bħala mument ta' fidi kif ukoll ta' espressjoni ta' kultura reliġjuża popolari li għandha karatteristiċi li huma uniċi u tagħna bħala Maltin. Aħna rridu festi ta' dat-tip.

Għandha tkompli tittieħed azzjoni konkreta u unitarja fid-djoċesi kollha u jitkomplew jiddaħħlu miżuri ċari, prattiċi u applikabbli li bihom ikunu kkontrollati l-esaġerazzjonijiet u kull sitwazzjoni li ma taqbilx ma' l-ispirtu tal-festa. Il-parametri għandhom japplikaw għal kulħadd sabiex dawk li jorganizzaw ikunu jafu safejn jistgħu jaslu. Dan sabiex il-festi jiġu ċċelebrati b'mod li jagħti gost lil kulħadd u kulħadd iħossu komdu li jattendi. L-operaturi pastorali, speċjalment il-kleru, huma msejħa biex dejjem jagħtu xhieda ta' għaqda u ftehim f'dawn iċ-ċirkustanzi.

[64] Ara *Bullettin ta' l-Arċidjoċesi* 117 (Novembru-Diċembru 2002), 442-444.

## Il-Knisja fi djalogu mad-dinja ta' l-arti

64

Hi ħaġa paradossali kif l-istess dinja li donnha qed issir dejjem aktar materjalista – ossessjonata bil-gratifikazzjoni immedjata, bil-kilba għall-kisba ta' qligħ ta' flus u ġid materjali – tista' tilmaħ fiha wkoll tiftix aktar persistenti għal dak li hu sabiħ li donnu jaffaxxinaha. Din il-ħerqa tieħu diversi forom imma dawn kollha jippuntaw subgħajhom lejn l-aspirazzjoni fundamentalment umana li tixxennaq għal dak li ma tistax tilħaq u li jmur lil hinn min-natura umana nnifisha.

Il-Knisja ilha konxja minn din ix-xenqa tal-bniedem għal sekli u millennji kif tixhed l-arti kristjana li ssawret matul il-medda tas-snin. Kull biċċa xogħol artistika hi potenzjalment esperjenza reliġjuża. Li wieħed jagħraf l-importanza ta' l-arti fl-inkulturazzjoni ta' l-Evanġelju mhux għajr li wieħed jagħraf bis-sħiħ li l-ġenju u s-sensittività tal-bniedem huma rifless tal-verità u tas-sbuħija li hemm fil-misteru divin. Għalhekk il-Knisja turi rispett kbir għall-artist, huma x'inhuma l-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu. Partikolarment fl-artist nisrani, il-Knisja ssib potenzjal straordinarju għall-espressjoni ta' formoli ġodda u d-definizzjoni ta' simboli u metafori ġodda biex tesprimi ruħha dwar il-veritajiet eterni.[65]

Il-Knisja, fil-ministeru tagħha, għandha bżonn l-artisti biex jgħinuha tagħmel viżibbli dak li hu inviżibbli.[66] Min-naħa l-oħra, l-artisti, li dejjem ifittxu li jesprimu dak li hu misterjuż u li ħafna drabi diffiċli biex tispjegah, jafu li l-aqwa fond ta' ispirazzjoni tagħhom hija r-reliġjon. L-artisti, ftit jew wisq, kienu abbandunaw il-Knisja u fittxew għejun oħra, fil-waqt li l-Knisja kienet abbandunat l-artisti meta imponiet fuqhom stili tal-passat. Il-Knisja

[65] Ara *Towards a Pastoral Approach to Culture*, 17.

[66] Ara l-indirizz storiku ta' Pawlu VI, fil-Kappella Sistina, f'Quddiesa għall-artisti fis-7 ta' Mejju 1964, fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-Mużew ta' l-Arti Moderna.

kienet abbandunat ukoll l-artisti meta, forsi minħabba n-nuqqas ta' mezzi biex tagħmel affarijiet kbar, inqdiet b'affarijiet ta' ftit preġju.

Il-Knisja għamlet il-parti tagħha għal din ir-rikonċiljazzjoni fil-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar il-liturġija *Sacrosanctum Concilium.* Fil-Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes*, l-isqfijiet kienu saħqu fuq l-importanza kbira tal-letteratura u l-arti fil-ħajja tal-bniedem; fi kliem il-Papa mbagħad kien imiss li l-artisti jippreparaw ruħhom għal din l-isfida qaddisa.

## Il-Knisja u l-artisti Maltin 65

Fl-1926 il-Knisja f'Malta kienet għamlet pass pożittiv ħafna meta l-Arċisqof Mauro Caruana waqqaf, għall-ewwel darba fl-istorja, il-*Giunta per la Tutela delle Antichità e opere d'Arte Ecclesiastiche* – li wara saret magħrufa bħala l-Kummissjoni għall-Arti Sagra – biex tħares il-wirt storiku u artistiku tal-Knisja. Din il-ġunta ħadet ukoll fuqha d-dmir li tara li kull xogħol artistiku li jsir fil-knejjes ikun ta' livell li jixraq u dan isir dejjem bi djalogu ma' l-artisti nfushom. Għalhekk, matul is-snin il-Knisja baqgħet tinnomina nies midħla ta' l-arti, ħafna minnhom nies magħrufa sew, biex iservu fuq din il-Kummissjoni.[67] Din il-Kummissjoni għandha mhux biss funzjoni ta' superviżjoni fuq dak li jsir imma wkoll ta' servizz u ispirazzjoni għall-operaturi pastorali fil-proġetti tagħhom li għandhom x'jaqsmu ma' l-arti sagra.[68]

Ir-riformi fil-liturġija taw lok għal relazzjoni ġdida u tajba bejn il-Knisja u l-artisti Maltin. Nistgħu ngħidu li d-djalogu bejn l-artisti kontemporanji Maltin u l-Knisja llum huwa wieħed miftuħ, u wieħed jinnota b'sodisfazzjon xi xogħlijiet

[67] Ara *Libro contenente le minute degli Atti della Giunta per la Tutela delle Antichità e delle Opere d'Arte Ecclesiastiche*. Fost artisti magħrufa li servew fuq din il-Kummissjoni, insibu l-Kavallier Vincenzo Bonello (1891-1969), l-iskultur Antonio Sciortino (1879-1947) u l-pittur Joseph Briffa (1901-1987).

[68] Il-Konferenza Episkopali Maltija, f'Settembru 2002, waqqfet ukoll Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku – ara *Bullettin ta' l-Arċidjoċesi* 118 (Jannar-Frar 2003), 104-107.

sagri ta' livell artistiku għoli kemm fi knejjes u kemm magħmula għal skopijiet personali ta' l-artist. Hu ta' sodisfazzjon li xogħlijiet moderni ta' artisti Maltin ġew aċċettati u inventarjati mill-*Musei Vaticani*. Madankollu, fuq il-livell parrokkjali għad fadal ħafna xogħol x'isir. Tajjeb li fl-okkażjoni tal-festi titulari, meta l-knejjes u t-toroq jiżżejnu bl-opri tal-passat, l-artisti tal-post jiġu inkuraġġiti jtellgħu wirja tagħhom personali jew kollettiva fil-mużew jew oratorju tal-parroċċa u dawk b'talent mużikali jikkomponu xi ħaġa li tindaqq.

Hu importanti li xogħlijiet fil-knejjes Maltin isiru fi stili li għandhom valur artistiku u reliġjuż fil-kuntest kontemporanju, u li jkunu jirriflettu l-Knisja dinamika ta' Kristu li tagħraf is-sinjali taż-żminijiet. F'dan il-qasam il-Knisja u l-artisti Maltin għandhom jaħdmu flimkien sabiex ikollna f'pajjiżna espressjoni artistika li tirrifletti l-komunità nisranija ta' llum b'mod aktar awtentiku u dinamiku.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-għeluq ta' l-ittra li indirizza lill-artisti fl-Għid ta' l-1999, awgura lill-artisti li l-arti tagħhom tgħin biex tafferma li s-sbuħija vera, bħala rifless ta' l-Ispirtu ta' Alla, tbiddel il-materja, u li tiftaħ ruħ il-bniedem għas-sens ta' l-eternità.

## Il-Knisja u l-mużika

66

Filwaqt li fid-dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti* hemm sezzjoni li titkellem dwar muzika sagra, hawnhekk nitkellmu dwar muzika sagra u religjuza bhala parti integrali mill-kultura tagħna. F'dan il-kuntest trid tigi ċċarata d-distinzjoni bejn mużika sagra u mużika reliġjuża.[69]

[69] Ara Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, *De Sacra Musica et Sacra Liturgia* (3 ta' Settembru1958), 4a-4b. Xogħol mużikali hu meqjus bħala **sagru** jekk ġie miktub għaċ-ċelebrazzjoni liturġika. F'dan id-dokument dan it-terminu jinkludi: a) kant gregorjan; b) diversi stili ta' polifonija, kemm antika kif ukoll moderna; c) mużika sagra għall-orgni jew għal strumenti oħra adatti; d) innijiet popolari. Mużika **reliġjuża** hi dik li jew minħabba l-intenzjoni tal-kompożitur, jew minħabba s-suġġett jew minħabba l-iskop tal-kompożizzjoni, tqajjem sentimenti reliġjużi u ta' tjieba u għaldaqstant hi ta' għajnuna għar-reliġjon. Biss, peress li mhix maħsuba għal-liturġija u peress li tkun miktuba f'forma aktar libera, ma tistax tintuża fil-liturġija (ara *ibid*., 10).

Il-Knisja tagħraf l-importanza tal-kant gregorjan fil-liturġija Rumana,[70] għalhekk jixraq li korijiet parrokkjali jkollhom għal qalbhom dan il-kant. Il-kant gregorjan, jekk esegwit tajjeb, joħloq klima spiritwali u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-ġemgħa. Għaldaqstant il-korijiet parrokkjali tajjeb li jinkludu fir-repertorju tagħhom dan il-kant.[71] Meta niġu għat-traduzzjonijiet bil-Malti ta' xi innijiet liturġiċi, dawn għandhom isiru b'sengħa u jekk jiġu adattati għall-melodija gregorjana, dan għandu jsir mingħajr ma l-gregorjan jitlef il-ħlewwa tiegħu.[72]

Il-polifonija, sakemm taqbel ma' l-ispirtu ta' l-azzjoni liturġika, m'għandhiex titħalla barra. Bi prudenza għandha titneħħa mill-knejjes tagħna dik il-polifonija bombastika[73] li kultant tindaqq fil-festi parrokkjali. Dik il-mużika sagra li nkitbet fi żmien meta l-parteċipazzjoni attiva tan-nies ma kinetx meqjusa bħala l-għajn ta' spiritwalità awtentika[74] m'għandhiex tindaqq waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Innijiet popolari reliġjużi bil-Malti, minbarra li jirriflettu r-reliġjożità tan-nisrani Malti, minn dejjem kienu mezz biex iħeġġu l-parteċipazzjoni attiva tan-nies fil-knejjes tagħna waqt servizzi liturġiċi u para-liturġiċi. Dawn l-innijiet jitkantaw waqt il-liturġija kemm-il darba l-ħsieb jaqbel ma' l-ispirtu liturġiku u mal-mument ritwali u kemm-il darba l-mużika nkitbet għal dan il-għan. Teżisti aktar libertà fl-użu ta' dawn l-innijiet waqt ċelebrazzjonijiet ta' devozzjoni popolari.

Fil-knejjes l-orgni jinżamm b'qima kbira u jagħni bi sbuħija tal-għaġeb iċ-ċerimonji tal-Knisja filwaqt li jgħolli b'qawwa l-ħsieb lejn Alla u lejn il-

70 Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), 116.

71 Per eżempju, quddiesa gregorjana bħall-quddies *De Angelis* jew *Orbis Factor,* u innijiet bħat-*Te Deum* u s-*Salve Regina.*

72 Għandna diversi eżempji sbieħ ta' innijiet bil-Malti u li jiġu kantati fuq melodija gregorjana bħat-*Tantum Ergo* u *Jesu Dulcis Memoria.*

73 Ara Piju XII, Enċiklika *Musicae Sacrae Disciplina* (25 ta' Diċembru 1955), 57.

74 Ara Piju XII, *Tra le Sollecitudini* (22 ta' Novembru 1903); *Sacrosanctum Concilium*, 14.

ħwejjeġ tas-sema.[75] Għalhekk id-daqq ta' l-orgni għandu jiġi inkuraġġit fil-knejjes tagħna waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi sakemm dan isir skond il-liturġija.[76] Fi knejjes fejn l-orgni jindaqq mill-istess persuna, tajjeb li tiġi studjata l-possibbiltà li organisti professjonali oħra jkunu jistgħu jużaw dan l-istrument waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi biex il-liturġija jkollha dejjem l-aħjar mużika possibbli.

## Il-korijiet parrokkjali

67

Is-sehem tal-korijiet parrokkjali għandu jkun inkuraġġit u kkoltivat. Dawn il-korijiet, meta jagħtu s-servizz tagħhom waqt iċ-ċelebrazzjoni liturġika, għandhom jaraw li "l-ġemgħa kollha tagħti s-sehem ħaj tagħha" bil-kant.[77] F'dawk il-knejjes fejn fi żmien il-festa teżisti tensjoni bejn id-diversi korijiet li s-soltu jagħtu s-sehem liturġiku – f'xi postijiet din għadha marbuta ma' tradizzjonijiet antiki u drittijiet tal-*maestro di cappella* – għandha tinstab soluzzjoni biex is-servizz liturġiku jkun verament att ta' qima tal-komunità nisranija kollha li tinġabar f'dik il-knisja.

Jixraq ukoll li dawn il-korijiet, minn żmien għal żmien, jorganizzaw kunċerti mużikali li fihom ikantaw repertorju reliġjuż jew sagru li trid ħila speċjali biex tesegwih. F'dawn il-kunċerti jista' jitkanta wkoll kant polifoniku ta' l-imgħoddi, meta l-ġemgha kienet tkun bħal spettatur fil-knisja waqt il-funzjonijiet liturġiċi. Inizjattiva ta' min ifaħħarha kienet il-festival tal-korijiet f'Malta kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' korijiet Maltin barra minn Malta anki ma' korijiet barranin.

Biex il-korijiet parrokkjali jieħdu xejra aktar professjonali, id-diretturi

[75] Ara *Sacrosanctum Concilium*,120.

[76] Ara l-*Missal Ruman*, ir-*Ritwal Ruman* u ċ-*Ċerimonjal ta' l-Isqfijiet*.

[77] Ara *Sacrosanctum Concilium*, 28, 30, 114.

u koristi impenjati għandhom jiġu mħeġġa biex isegwu xi wieħed mill-korsijiet li jorganizza s-Segretarjat għal-Liturġija.[78]

## Kunċerti fil-knejjes

68

Dwar il-mużika sagra u reliġjuża li tindaqq waqt kunċerti fil-knejjes, id-diretturi tal-korijiet u dawk responsabbli mill-knisja fejn isir il-kunċert għandhom jimxu fuq in-normi li ħarġet il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin fl-1987.[79] Dan id-dokument, filwaqt li jfakkar dwar ir-rispett li għandu jintwera lejn il-post tal-kult, jagħti spazju biżżejjed biex jittellgħu xogħlijiet ta' mużika reliġjuża u sagra. Rappreżentazzjonijiet bħal dawn jgħinu biex l-insara jesprimu u jħeġġu fihom sentimenti reliġjużi.

## Ħarsien tal-patrimonju mużikali

69

Il-Knisja f'Malta għandha ħafna mill-eqdem patrimonju mużikali ta' pajjiżna. Partituri ta' kompożituri magħrufa, Maltin u barranin, jinsabu fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina. Matul is-snin saru diversi kunċerti b'din il-mużika, gew irrekordjati *compact disks*,[80] u nkitbu kotba u teżijiet fuq is-suġġett. Mużika oħra tinsab fl-arkivji ta' diversi knejjes u entitajiet reliġjużi. Fejn għadu ma sarx katalgu ta' dawn ix-xogħlijiet ta' mużika sagra u reliġjuża, dan għandu jsiru mill-aktar fis. Partituri fi stat ħażin ta' konservazzjoni għandhom jigu restawrati.

78 Is-Segretarjat jorganizza kors ta' sena li jwassal għall-għoti ta' ċertifkat u kors ieħor ta' sentejn li jwassal għall-għoti ta' *Diploma in Sacred Music*. Dan ta' l-aħħar jiġi organizzat b'kollaborazzjoni ma' l-*Institute for Mediterranean Studies* ta' l-Università ta' Malta.

79 Ara Kongregazzjoni għall-Kult Divin, *Concerts in Churches* (5 ta' Novembru 1987).

80 Ara per eżempju l-*compact disks* li ħareg il-Mużew tal-Kattidral u oħrajn maħruġa minn Dun Ġwann Galea bil-mużika tas-Surmast Carlo Diacono.

Il-Kummissjoni Mużika Sagra għandha tfittex li tigbor ukoll l-innijiet popolari reliġjużi bil-Malti li nkitbu tul dawn l-aħħar mitt sena. Xi innijiet qed jintesew maż-żmien, oħrajn spiċċaw meta s-surmast temm is-servizzi tiegħu f'xi knisja partikulari, oħrajn jintkantaw biss f'xi knejjes. Ħafna minn dawn l-innijiet huma ta' kwalità aċċettabli u jagħmlu parti mill-patrimonju ekkleżjastiku Malti.

L-orgnijiet fil-knejjes tagħna, l-aktar dawk antiki,[81] għandhom ukoll jinżammu fi stat tajjeb u x-xogħol ta' restawr fuqhom għandu jkun wieħed professjonali. Jixraq li f'kull knisja jkun hemm orgni, wkoll jekk elettroniku, ta' kwalità aċċettabli.

## Kompożizzjoni ta' mużika sagra

70

Minbarra l-korsijiet organizzati mis-Segretarjat għal-Liturġija għad-diretturi u kanturi tal-korijiet parrokkjali, minbarra l-organizzazzjoni ta' *festivals* tal-korijiet, il-Knisja f'Malta trid tħajjar poeti u kompożituri biex flimkien jiktbu mużika sagra li tirrifletti s-sentimenti tal-bniedem ta' llum biex b'hekk, bħal ta' qabilna, b'lingwaġġ kontemporanju naslu biex infaħħru 'l Alla bil-vuċi tagħna.

[81] Dwar il-patrimonju rikk ta' orgnijiet fil-gżejjer Maltin, ara H. Agius Muscat u L. Buono (ed.), *Old Organs in Malta and Gozo,* Malta 1999.



## Kap IX

# IL-FORMAZZJONI TEOLOĠIKA TAL-KLERU U TAL-LAJĊI

## Il-Konċilju u l-formazzjoni kontinwa

71

Il-Knisja hija skola ta' formazzjoni kontinwa. Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni *Gaudium et Spes*, fejn jitkellem fuq l-armonija bejn il-kultura umana u t-tagħlim nisrani, jgħid li huwa mixtieq li ħafna lajċi jkollhom formazzjoni xierqa fix-xjenzi sagri u li mhux ftit minnhom jagħtu ruħhom għal dan l-istudju.[82]

Fil-Kostituzzjoni *Lumen Gentium*, eżattament fejn jitkellem fuq sehem il-lajċi fil-funzjoni profetika ta' Kristu, l-istess Konċilju jisħaq kemm il-lajċi jeħtieġ li jieħdu iżjed b'ħerqa l-għarfien tal-verità rivelata u jitolbu bla heda mingħand Alla d-don tal-għerf.[83] Mill-ġdid fid-Digriet *Apostolicam Actuositatem*, il-Konċilju juri s-sodisfazzjon kbir għat-twaqqif ta' ċentri jew Istituti ta' studji għoljin li għandhom jinkuraġġixxu u jġibu 'l quddiem il-kapaċitajiet intellettwali tal-lajċi, irġiel u nisa, żgħażagħ u kbar, fl-oqsma kollha ta' l-appostolat.[84] Huwa importanti li nerġgħu lura għal dan l-ispirtu li bih il-Konċilju ried jistimola fil-Knisja sforzi konkreti u serji għal edukazzjoni u formazzjoni teoloġika.

B'din l-insistenza, il-Konċilju kien qed jindirizza numru ta' problemi marbuta bejniethom u li kellhom jingħelbu biex il-Knisja tasal għat-tiġdid mixtieq. Fost dawn insemmu l-problema ta' l-edukazzjoni u l-formazzjoni fil-Knisja, il-firda bejn kleru u lajċi, l-impostazzjoni klerikali f'ħafna mill-aspetti tal-ħajja tal-Knisja, il-perċezzjoni li l-Knisja tibża' mill-ħsieb u mid-dibattitu, u d-distanza bejn il-Knisja u l-qasam ta' l-intellettwali. F'Malta llum, erbgħin sena wara l-Konċilju, dawn il-problemi u l-perċezzjonijiet għadhom reali ħafna u huma fost l-ikbar sfidi li t-twettiq ta' dan is-Sinodu

[82] Ara *Gaudium et Spes*, 62.

[83] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964), 35.

[84] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam Actuositatem* (18 ta' Novembru 1965), 32.

għandu jieħu bis-serjetà biex l-evanġelizzazzjoni l-ġdida, li l-post-Konċilju tant jisħaq fuqha, tkun tista' tissarraf fi proġetti ta' edukazzjoni iktar effikaċi.

Il-Knisja, wara l-Konċilju, ikkonċentrat l-attenzjoni tagħha b'qawwa fuq l-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi fil-komunità nisranija.[85] L-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi, u allura l-edukazzjoni u l-formazzjoni li qed nitkellmu dwarhom hawnhekk, m'humiex sempliċi għarfien intellettwali u dottrinali.

## Sfida doppja

72

Il-Knisja llum f'pajjiżna għandha quddiemha bħal sfida doppja li ġejja minn żewġ karatteristiċi qawwija tar-realtà madwarna: fuq naħa dik li nsejħulha "injoranza reliġjuża", u fuq in-naħa l-oħra "in-nuqqas ta' fidi". Ta' l-ewwel titlob sforz biex l-opportunitajiet ta' tagħlim u formazzjoni li diġà jeżistu jiġu intensifikati u fejn hemm bżonn ippjanifikati aħjar biex isir l-aħjar użu minn kull riżorsa li l-Knisja għandha. Tat-tieni hija aspett tar-realtà tagħna li jirriżulta mill-proċess twil ta' sekulariżmu li anke fostna wassal għat-tip ta' soċjetà u ta' stil ta' ħajja li ħafna minna qed ngħixu.

Il-Knisja għalhekk trid twieġeb għal din l-isfida doppja kemm bi strateġija soda u serja ta' edukazzjoni u formazzjoni, u kemm bi strateġija pastorali biex fil-konfront tal-kultura emerġenti fostna, il-messaġġ evanġeliku jkun kredibbli u hi stess bħala Knisja tkun sinjal konsistenti.

L-edukazzjoni fil-fidi hija proċess u strateġija fl-istess ħin. Ma tistax titfassal strateġija ta' edukazzjoni fil-fidi mingħajr ma nifhmu dak li għaddej madwarna fis-soċjetà Maltija u dak li għaddej fil-qalb tal-Maltin. Fi żmien

85 Is-Sinodu ta' l-Isqfijiet li ddiskuta l-Evanġelizzazzjoni fid-dinja ta' llum (1974), l-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Pawlu VI *Evangelii Nuntiandi*, is-Sinodu ta' l-Isqfijiet li ddiskuta l-Katekeżi (1977), u l-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II *Catechesi Tradendae* huma xhieda ta' dan.

ieħor kien fatt li l-kultura tal-Maltin kienet ir-reliġjon. Imma llum il-possibbiltà li l-kultura tkun influwenzata mill-Knisja qiegħda kull ma jmur tonqos. Għalhekk il-Knisja trid taħseb u ssib toroq ġodda ta' missjoni biex tkun tista' tibqa' toffri direzzjoni lil dawk li jħossuhom parti minnha u fl-istess ħin tibqa' tkun ta' dawl u kredibbli għas-soċjetà Maltija in ġenerali. Hawnhekk trid tingħata prijorità lill-formazzjoni u l-evanġelizzazzjoni aktar milli lill-pastorali ċċentrata fuq l-għoti tas-sagramenti.

F'Malta għandna l-barka ta' tradizzjoni antika u b'saħħitha ta' studji teoloġiċi. Fi ħdan il-Fakultà tat-Teoloġija, kull sena jissieħbu madwar mitt student ġdid u jattendu għal *study units* individwali aktar minn sitt mitt student minn fakultajiet oħra. F'dan il-qasam għandna madwar għoxrin saċerdot *part-time* u persuna lajka li jgħallmu. Minħabba li l-Knisja temmen fil-qasam tal-pastorali tat-tfittix għall-verità, jeħtieġ li l-Fakultà tiġi msaħħa sabiex tkompli twettaq il-proġetti eżistenti u tifrex il-ħidma tagħha bi proġetti ġodda (pastorali ta' djalogu fost l-istudenti u l-akkademiċi ta' l-Università, korsijiet ġodda fl-istudju tal-pastorali u riċerka li tkun tiswa lill-ħajja tal-komunità).

## Il-formazzjoni ta' l-insara Maltin

73

Il-Knisja f'Malta għadha preżenti ħafna fis-soċjetà. Imma meta nikkunsidraw il-perċentwali għolja ħafna tal-Maltin li sa minn ċkunithom tgħallmu r-reliġjon Kattolika u f'ċertu sens ipprattikawha wkoll, u nqabblu dan mal-perċezzjoni ġenerali ta' qagħda ta' injoranza reliġjuża, jinħolqu numru ta' mistoqsijiet. Il-maġġoranza ta' l-insara Maltin, fejn tidħol il-formazzjoni tagħhom, jieqfu mal-Griżma ta' l-Isqof. Wara l-Griżma, l-iktar l-iktar jitfaċċaw fil-Kors ta' Kana meta jkunu qorbu biex jiżżewġu. Fl-ispazji l-oħra, il-kuntatt huwa dak ta' okkażjonijiet fil-Knisja li jvarjaw minn dawk spissi, ta' min jattendi l-quddies il-Ħadd, għal dawk iktar rari ta' min jattendi biss f'okkażjonijiet speċjali, bħal ngħidu aħna l-Magħmudija jew l-Ewwel Tqarbina ta' wliedhom stess. Ma' dawn insemmu wkoll mumenti bħal dawk

ta' l-eżerċizzi fi żmien ir-Randan u okkażjonijiet simili. Imma dawn il-kuntatti, li fil-kuntest Malti għadhom komuni, żgur m'humiex biżżejjed biex jagħtu dik il-formazzjoni solida li n-nisrani adult jeħtieġ għall-għażla tiegħu u għall-impenn soċjo-politiku-kulturali li s-soċjetà ta' llum tesiġi.

Bħala Knisja, jeħtieġ li fil-qasam tal-formazzjoni nagħmlu distinzjoni essenzjali: dik bejn it-tħejjija li noffru għas-sagramenti u x'titlob evanġelizzazzjoni għall-ħajja. Ħafna mill-ħidma pastorali tagħna għadha ċċentrata fuq is-sagramenti. Fuq dan il-livell, fid-djoċesi jeżistu ħafna u ħafna opportunitajiet ta' katekeżi organizzata. Kull parroċċa għandha ċ-ċentru jew anke ċ-ċentri tagħha li jieħdu ħsieb it-tħejjija tat-tfal sa minn eta' ċkejkna. It-tagħlim tar-reliġjon fl-iskejjel tal-Knisja, ta' l-Istat u f'dawk privati għadu prassi komuni u aċċettata. Numru kbir ta' parroċċi jipprovdu l-Kors ta' Kana għal dawk l-għarajjes li jkunu se jiżżewġu bil-Knisja.

Imma mbagħad, fejn tidħol katekeżi solida għall-ħajja ta' l-adolexxenti, taż-żgħażagħ u ta' l-adulti, għad għandna diffikultajiet kbar u vojt li qed jitlob b'urġenza li jimtela. Jeżistu inizjattivi u proġetti f'diversi parroċċi, imma dawn huma wisq sparpaljati u improvviżati. B'hekk, bħala prassi komuni, ħafna mill-katekeżi f'Malta għadha wisq in funzjoni tas-sagramenti u għalhekk m'hijiex toffri preparazzjoni għall-ħajja in ġenerali u edukazzjoni fil-fidi tassew. [86]

## It-tagħlim tar-Reliġjon

74

Jeħtieġ jittieħdu miżuri urġenti rigward it-testi tar-reliġjon eżistenti kif ukoll rigward il-formazzjoni permanenti ta' katekisti u għalliema tar-

[86] Dwar il-kwalità tat-tagħlim kateketiku, irid jingħad li spiss jinħass li qed ikun superfiċjali. Fejn qabel konna nesaġeraw li nitgħallmu kollox bl-amment, issa lanqas talb komuni ma qegħdin nitgħallmuh bl-amment, hekk li spiss jiġri li saċerdot fil-qrar ta' tfal jiltaqa' ma' wħud li lanqas l-att ta' l-indiema ma jkunu jafu bl-amment u lanqas ma kienu mgħallma jivvintaw wieħed huma dak il-ħin. Kultant ukoll it-tagħlim, l-iżjed fil-parroċċi, qed ikun monotonu għat-tfal.

reliġjon. M'huwiex biżżejjed li dawk li jkunu qed jitħejjew biex isiru għalliema tar-religjon jieħdu xi *study-units* offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija waqt li jkunu fil-kors tal-B.Ed. Spiss l-i*study-units* li jagħżlu m'humiex biżżejjed għax ikopru biss xi oqsma tat-teoloġija. Għalhekk, id-Djoċesi flimkien ma' persuni oħra (mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, mis-Segretarjat għall-Katekeżi, eċċ.) għandhom jaraw li dawk li qegħdin jitħejjew biex jgħallmu r-reliġjon jieħdu formazzjoni tassew adegwata.[87]

## Formazzjoni għar-realtà ta' żmienna

75

Il-ħtieġa ta' evanġelizzazzjoni vera u mill-ġdid f'pajjiżna qed tinħass tassew. Il-Knisja għandha bżonn tfisser ferm iżjed il-fidi f'konfront mar-realtà reliġjuża, soċjali, kulturali u politika tal-pajjiż kif inhu llum. It-tifrix ta' setet u denominazzjonijiet oħra f'pajjiżna f'dawn l-aħħar għoxrin sena juri l-ħtiega ta' konfront sistematiku u formattiv mal-Kelma ta' Alla. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' formazzjoni fil-fidi, anke fuq livell intellettwali, kompla jiġi aċċentwat mir-rwol dejjem jikber li l-*media* qed ikollhom fis-soċjetà Maltija. L-istrutturi u l-għodda li l-Knisja f'Malta għandha u tħaddem bħalissa, fejn tidħol il-formazzjoni u l-konfront tal-fidi reliġjuza mal-kultura li qed tiżviluppa, m'humiex adegwati.

Neħtieġu riflessjoni serja u approfondiment kemm fuq livell ta' mistoqsijiet li l-bniedem u s-soċjetà in ġenerali llum qed jagħmlu kif ukoll fuq livell ta' tweġibiet. Illum is-soċjetà Maltija teħtieġ preżenza iktar diretta ta' lajċi nsara, irġiel u nisa, fl-oqsma vitali tas-soċjetà. Wisq żgħażagħ u adulti kibru bla ma rċevew katekeżi solida u rilevanti għal ħajjithom. Ħafna drabi l-għarfien tal-fidi ta' ħafna jieqaf f'livell infantili b'riżultat li qatt ma sseħħ korrispondenza bejn il-fidi li rċevew u dak li qed jgħixu jew dak li titlob minnhom ir-realtà ta' llum. Fid-dawl ta' dan, u meta nippruvaw nifhmu dak

87 Ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Adolexxenti u Żgħażagħ*, 38.

li pajjiżna qiegħed fih illum, waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f'Malta bħalissa hi li tipprepara nsara għall-ħtiġijiet veri tar-realtà soċjali kif inhi llum, speċjalment bl-esiġenzi tal-familja, tad-dinja tal-politika, ta' l-ekonomija, tal-kultura u ta' l-edukazzjoni.

## Sejħa għal sforz koordinat

76

Is-sejħa ta' dan is-Sinodu hi biex kulħadd jagħraf dan in-nuqqas u biex titfassal strateġija adegwata li tilqa' għal dawn il-ħtiġijiet urġenti. Il-ħafna korsijiet ta' formazzjoni pprovduti mill-Għaqda Biblika Maltija, mis-Segretarjat għall-Katekeżi, mill-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, u minn Istituti oħra bħal dawk tad-Dumnikani u l-Agostinjani huma bla dubju imprezzabbli. Imma koordinament ma jeżistix. Dawn l-inizjattivi tajjeb ikomplu għax huma riżorsa importanti ħafna. Imma wasal il-mument li l-isforzi jkunu iżjed koordinati u jitfassal proġett komuni ta' formazzjoni teoloġika b'indirizz iktar speċifiku għal ċerti ħtiġijiet. It-twaqqif ta' Istitut ta' Formazzjoni Pastorali għandu jgħin f'din id-direzzjoni.

Hi nieqsa katekeżi permanenti ta' l-adulti għal kategoriji ta' nies li għandhom rwoli importanti u ta' influwenza fil-ħajja pubblika li tinkludi familja, edukazzjoni, industrja, sptarijiet, *business*, politika. Minn dak li naraw u nisimgħu regolarment fuq il-*media* tagħna, joħroġ ċar ħafna li l-poplu hu sajjem kultant anke mill-elementi u n-nozzjonijiet l-iktar bażiċi tad-duttrina nisranija u l-messaġġ evanġeliku. M'għandniex katekeżi organizzata u lanqas mezzi importanti, bħal ngħidu aħna testi bil-Malti għal idejn il-poplu.

Min-naħa l-oħra, jidher li l-evanġelizzazzjoni tista' tgħid tħalliet l-aktar f'idejn il-"Movimenti l-ġodda". Wieħed għandu japprezza l-isforzi tagħhom. Fl-istess waqt, trid issir attenzjoni għar-riskju ta' ħafna "knejjes" ġo Knisja waħda u għall-fatt li xorta waħda dawk li ma jridux jew ma jistgħux jimpenjaw ruħhom fi gruppi bħal dawn jibqgħu barra.

## Ħidma li tilħaq lil dawk li tbiegħdu

77

Is-Sinodu qed isejħilna biex insaħħu l-ħidma pastorali ma' dawk li tbiegħdu mill-Knisja. Ma' dawn illum irridu nsemmu kategoriji ġodda preżenti fis-soċjetà Maltija – l-attitudni u l-pożizzjoni tal-Knisja magħhom għandha dejjem tkun bħal ta' Kristu. Fost dawn irridu hawnhekk insemmu speċifikament dawk separati u li qegħdin f'relazzjoni barra miż-żwieġ tagħhom u l-omosesswali.

Il-ħidma pastorali tal-Knisja trid tmur lil hinn mit-tempju u l-kult. Ħafna mill-ħin u l-enerġija tagħna għandha tittieħed minn dawk li ma jiġux il-Knisja jew għandhom xi diffikultajiet magħha. Dan ipoġġi minn ta' quddiem nett ir-realtà tar-reliġjożità popolari li jeħtieġ tkun indirizzata biex, waqt li jiġi vvalutat il-pożittiv tagħha, fl-istess ħin nirrealizzaw qabel ikun tard li f'kuntest ta' nuqqas ta' formazzjoni r-reliġjożità popolari tista' tiġri bina u twassalna fejn ma nixtiqux.

Illum is-soċjetà Maltija nbidlet ħafna fil-wiċċ u mill-qiegħ u kull ma jmur qed dejjem tissekularizza ruħha u tkun iktar miftuħa għal stili ta' ħajja oħra li qed jagħmlu iktar urġenti għalina l-għażla tal-ħajja nisranija. Il-problema ta' l-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi, u allura dik ta' l-edukazzjoni u l-formazzjoni, hija l-ewwel u qabel kollox problema ta' metodu u lingwaġġ. "Il-bniedem hu t-triq tal-Knisja"[88] u għalhekk dak li qed jiġri madwarna mhu xejn għajr opportunitajiet ġodda għall-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi.

## Meħtieġa distinzjoni fil-formazzjoni

78

Meta nikkunsidraw il-formazzjoni tal-lajċi, hu importanti li nagħmlu distinzjoni bejn dik il-formazzjoni komuni meħtieġa mill-poplu nisrani kollu

[88] Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptor Hominis* (4 ta' Marzu 1979), 14.

kemm hu, u dik il-formazzjoni speċjali li jeħtieġu dawk il-lajċi li fi ħdan il-Knisja u fis-soċjetà għandhom responsabbiltajiet speċifiċi.[89] It-tliet ambjenti fundamentali fejn il-parti l-kbira ta' l-insara tradizzjonalment jirċievu l-formazzjoni tagħhom huma l-familja, il-parroċċa u l-iskola. Dawn huma t-tliet ambjenti li għandhom jiġu indirizzati b'mod speċifiku fejn tidħol l-edukazzjoni u l-formazzjoni.

## Formazzjoni fil-familja

79

Il-familja tibqa' dejjem l-ambjent ta' dik l-ewwel edukazzjoni integrali, l-ispazju privileġġjat fejn l-individwu jista' jikber tassew umanament u reliġjożament. Imma f'mument ta' transizzjoni kulturali, fejn il-ħajja tal-familja qed tinbidel profondament, hu importanti li tiġi mħarsa din il-funzjoni edukattiva tal-familja. Il-Knisja għandha tkompli tagħti s-sehem tagħha b'mod ħaj fid-dibattitu dwar iż-żwieġ u l-familja f'pajjiżna biex twassal il-proposta tagħha li bla dubju għad għandha anke kontenut kulturali fuq diversi livelli u aspetti tal-ħajja tas-soċjetà fosthom:

- l-edukazzjoni għal paternità u maternità responsabbli;
- l-isfida li l-kultura ta' llum tpoġġi quddiem is-sesswalità umana;
- politika li tiffavorixxi l-familja u l-istabilità tagħha.[90]

## Formazzjoni fil-parroċċa u fl-iskola

80

Il-parroċċa għadha struttura essenzjali fil-ħajja ta' ħafna fejn tidħol il-formazzjoni. Jeħtieġ għalhekk li l-istruttura tal-parroċċa tagħna tiġġedded tassew biex permezz tal-mumenti ta' assemblea liturġika, bil-predikazzjoni,

89 Ara *Apostolicam Actuositatem*, 28.

90 Dwar dan il-qasam, ara d-dokument tas-Sinodu *Żwieġ u Familja*.

b'mumenti komuni ta' talb, tibqa' toffri spazji u okkażjonijiet ta' formazzjoni tant meħtieġa. Huma għalhekk meħtieġa sforzi ta' tiġdid biex:

- il-parteċipazzjoni tal-lajċi fil-ħajja liturġika tkun iktar sħiħa u impenjattiva;
- l-omelija tal-Ħadd tingħata prijorità bħala l-okkażjoni kważi unika għall-formazzjoni regolari ta' ħafna;
- il-katekeżi ta' qabel is-sagramenti tittieħed b'aktar serjetà u bi programmazzjoni pastorali serja;
- tkun żviluppata katekeżi għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, kif ukoll għall-adulti;
- il-preżenza attiva tal-lajċi fil-Kunsilli Pastorali Parrokkjali u fi strutturi simili tkun element li jagħmel mill-Knisja realtà iktar ħajja u ta' komunjoni.

Il-parroċċa llum jeħtieġ tkun iżjed missjunarja billi tfittex twieġeb għal dak li hu mitlub mill-predikazzjoni ta' l-Evanġelju, mill-ħajja liturġika u mill-ħtieġa ta' animazzjoni ta' komunità tassew nisranija. Illum sar iktar diffiċli li l-parroċċa, bis-servizzi li toffri u l-attivitajiet li torganizza, tilħaq tassew is-setturi kollha tal-popolazzjoni u twieġeb għall-varjetà enormi ta' problemi. Għalhekk il-ħtieġa li tkun inkuraġġita l-formazzjoni ta' komunitajiet tal-bażi li jistgħu jagħmlu iktar possibbli kemm preparazzjoni kif ukoll parteċipazzjoni aħjar. Dawn il-komunitajiet żgħar jistgħu jaqdu funzjoni edukattiva importanti ħafna l-iktar fejn jidħlu forom ta' fraternità u karità fi ħdan il-komunità.

L-iskola għandha rwol importanti ħafna fil-formazzjoni tat-tfal, adolexxenti u żgħażagħ. U dan jgħodd kemm għall-iskejjel ta' l-Istat kif ukoll dawk tal-Knisja u privati.[91]

## Formazzjoni tal-kleru

81

Dwar il-formazzjoni tal-kleru, hawnhekk tajjeb li nirreferu għall-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II *Pastores Dabo Vobis*

[91] Fuq dan l-aspett, ara dak li diġà ġie ppreżentat f'Kap V, Il-Knisja u l-Edukazzjoni.

(1992) fejn il-Papa jitkellem f'kapitlu apparti dwar "Il-Formazzjoni Permanenti tas-Saċerdoti".

Il-kunċett ta' *ongoing formation* illum huwa kunċett aċċettat u importanti ħafna f'soċjetà li ġustament titlob tħejjija u professjonalità minn dawk li għandhom funzjoni pubblika. Imma barra dan, u kif jgħid il-Papa, hemm ukoll raġunijiet teoloġiċi li jagħmlu l-formazzjoni tal-kleru meħtieġa. Il-Papa fuq dan jislet mill-kliem ta' San Pawl fl-ewwel Ittra lil Timotju: "Tinsiex il-grazzja li għandek fik, li kienet mogħtija lilek bis-saħħa tal-kliem tal-profezija u bit-tqegħid ta' l-idejn tal-presbiteri fuqek. Dawn il-ħwejjeġ ħu ħsiebhom, agħti ruħek għalihom, biex kulħadd jara li int miexi 'l quddiem. Għasses fuqek innifsek u fuq it-tagħlim tiegħek; żomm sħiħ f'dawn il-ħwejjeġ għax, jekk tagħmel hekk, issalva lilek innifsek u lil dawk li jisimgħuk" (1 Tim 4,14-16).

Għal dan il-għan, fid-djoċesi teżisti diġà minn żmien ilu taqsima apposta fi ħdan is-Segretarjat għall-Kleru u l-Membri tal-Ħajja Konsagrata. Din it-taqsima ilha impenjata fil-qasam tal-formazzjoni u l-aġġornament teoloġiku tal-kleru billi torganizza matul is-sena korsijiet apposta ta' aġġornament teoloġiku-pastorali, irtiri, u anke laqgħat fuq bażi regolari ta' nofs ta' nhar għal diversi okkażjonijiet u madwar temi ta' ċerta importanza għall-ħajja u l-ħidma pastorali tas-saċerdot. L-istess jista' jingħad għall-INSERM u għall-kummissjonijiet ta' formazzjoni permanenti li hemm fi ħdan il-Kongregazzjonijiet.

Madankollu, tajjeb li hawnhekk terġa' titpoġġa l-mistoqsija dwar min huma dawk li min-naħa tagħhom jinteressaw ruħhom u allura jattendu u jipparteċipaw, u min huma dawk li f'laqgħat u korsijiet bħal dawn ma jidhru qatt u allura m'humiex milħuqa. Tajjeb li s-Segretarjat, kif ukoll il-Kunsilli ta' Istituti Reliġjużi, jistudjaw x'l-aħjar isir biex is-saċerdoti kollha jipparteċipaw f'dawn il-korsijiet. Dan tajjeb ukoll jiftiehem fid-dawl ta' dak li qalu n-nies u li jidher fir-Rapport tal-Konsultazzjoni tas-Sinodu, dwar il-ħtieġa li n-nies iħossu ta' aġġornament min-naħa tas-saċerdoti u dwar x'jitolbu mis-saċerdot fil-predikazzjoni u fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija.

Is-saċerdoti, li għandhom ministeru ta' edukaturi fil-komunità, għandhom ifittxu li jkollhom dejjem għarfien tal-ħsieb tal-Knisja fuq aspetti tal-ħajja ta' llum kif joħroġ minn tant dokumenti li minn żmien għal żmien jiġu ppubblikati.

## Il-ħtieġa ta' din il-formazzjoni permanenti

82

Kienu l-istess Isqfijiet fis-Sinodu ta' l-1990 li spjegaw għaliex hi meħtieġa l-formazzjoni permanenti meta qalu li hi fedeltà fil-ministeru saċerdotali u qisha proċess ta' konverżjoni dejjem sejra. Id-don ta' l-Ispirtu s-Santu ma jeżentax, anzi jħeġġeġ lis-saċerdot biex, bil-libertà tiegħu, jagħti sehmu b'mod responsabbli fil-formazzjoni permanenti u jilqagħha bħala dmir fdat lilu.

Il-formazzjoni permanenti, jgħid il-Papa, hi att ta' ġustizzja vera u proprja mal-poplu ta' Alla li għandu dritt fundamentali li tasallu l-Kelma ta' Alla, jirċievi s-sagramenti u jkollu s-servizz ta' l-imħabba. F'dan is-sens, il-formazzjoni permanenti hi ħtieġa mitluba mill-istess don tal-ministeru saċerdotali li ngħata, u ħtieġa għaż-żminijiet kollha. Iżda llum tidher wisq aktar meħtieġa, mhux biss minħabba t-tibdil mgħaġġel tal-kundizzjonijiet soċjali u kulturali tal-bnedmin u tal-popli, imma wkoll minħabba l-evanġelizzazzjoni l-ġdida li hi d-dmir essenzjali tal-Knisja li ma jistax jitħalla għal żmien ieħor.



# KAP X

# KONKLUŻJONI

## Objettivi prijoritarji

83

Ikun ta' siwi li wieħed jenfasizza l-objettivi prijoritarji li għandhom jintlaħqu u proposti konkreti li jidhru li huma ta' aktar importanza. Bħala l-ewwel objettiv:

(i) Fil-kuntest ta' inkulturazzjoni ta' l-evanġelizzazzjoni, jidher li:

- għandu jiġi identifikat dak li hu pożittiv fil-kultura ta' llum, anki dik popolari;
- għandhom jiġu wkoll identifikati l-isfidi li toffri s-soċjetà Maltija u l-ħtiġijiet tagħha (l-Istitut għar-riċerka dwar is-sinjali taż-żminijiet – *Discern* – jista' jkun ta' għajnuna kbira biex dawn jiġu identifikati);
- fl-istess ħin, il-Knisja għandha ssejjes il-ħidma tagħha fuq il-Kelma ta' Alla li tnissel il-kultura ta' l-imħabba;
- il-ħidma tagħha għandha ssir b'mod aġġornat, sempliċi, pożittiv, inklużiv, proattiv;
- għandha tinvolvi l-membri kollha tagħha, fosthom il-lajċi kwalifikati, f'din il-ħidma;
- għandha tkopri l-oqsma kollha: il-familja, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-*media*, il-parroċċi;
- u għandha tippreferi l-aktar il-fqar, il-batuti, l-emarġinati, u oħrajn b'vuċi dgħajfa.

Hawnhekk ir-rwol tal-Kunsill Pastorali Djoċesan hu kruċjali.

(ii) Bl-għajnuna, fost l-oħrajn, tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni u s-Segretarjat għall-Katekeżi:

- għandha ssir valutazzjoni kritika ta' l-iskejjel tal-Knisja u r-rwol tal-Knisja fl-iskejjel kollha (anki dawk statali u privati) dwar l-objettivi, il-missjoni u r-riżorsi;

- għandu jiġi assigurat li, speċjalment fl-iskejjel tal-Knisja, jingħata tagħlim nisrani kif għandu jkun, l-għalliema jkunu xhieda ta' ħajja nisranija u kompetenti, u l-istudenti joħorġu minn dawn l-iskejjel b'esperjenza tabilħaqq nisranija.

(iii) Fi Knisja protagonista fil-kultura Maltija u mhux biss spettatriċi, hi meħtieġa formazzjoni tal-lajċi u tal-kleru. Din trid tkun formazzjoni:

- li twassalhom iwettqu pastorali effettiva u aġġornata fi djalogu kontinwu mas-soċjetà Maltija fl-aspetti kollha tagħha, anki fis-sottokulturi;
- *ongoing* għax l-esiġenzi jinbidlu kontinwament;
- kritika u tagħraf tgħarbel u tagħżel dak li hu solidu minn dak li hu periferali;
- għal spiritwalità profonda u Kristoċentrika biex trawwem xhieda ta' fibra, dawl-fuq-muntanja għas-soċjetà Maltija;
- li twassal għal bidla tal-qalb ta' l-operaturi pastorali, jiġifieri li xxettel fihom qalb li taf tħoss kif jaf iħoss il-Mulej, qalb li toqmos quddiem it-tbatija u l-inġustizzja, qalb tal-laħam li tħabbat f'sintonija mal-qlub tal-bnedmin fis-soċjetà li trid tevanġelizza, qalb li twassal ferħ u tama.

It-twaqqif ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali għandu jservi ta' għajnuna kbira f'dan ir-rigward. Għall-kleru u r-reliġjużi teżisti l-Kummissjoni Aġġornament Teoloġiku u Pastorali. Il-ħidma ta' din il-Kummissjoni għandha tkompli b'żelu akbar, b'kollaborazzjoni ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

## Proposti konkreti

84

Fid-dawl ta' dawn l-objettivi idejali, ikun ta' siwi li jsiru xi proposti konkreti li jistgħu jintlaħqu fil-ġejjieni qrib. Għalkemm wieħed jista' jidentifika diversi, wieħed jista' jibda billi:

(i) Jissawwar, permezz tas-Segretarjat għall-Komunikazzjoni Soċjali, *team* ta' nies li jkunu mħarrġin biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja b'mod effettiv fil-*media* u fl-oqsma kulturali (bħal letteratura, teatru, arti, mużika) lokali. In-numru jkun skond l-esiġenzi u r-riżorsi eżistenti. Kull min għandu kontribut x'jagħti għandu jagħtih għax kulħadd imsejjaħ jagħmel il-parti tiegħu fit-tixrid ta' l-Evanġelju. Biss, f'din l-era ta' professjonaliżmu, jeħtieġ li jitħarrġu nies dedikati għal apostolat speċifiku. Għalhekk jitħejja pjan ta' azzjoni mfassal b'mod xjentifiku u esegwit professjonalment. Min jidħol għal din il-ħidma irid ikun dedikat, imfawwar bl-ispirtu evanġeliku u lest li jidħol għal taħriġ *ongoing*. It-*team* irid ikun strutturat, dinamiku u jwieġeb għall-ħtiġijiet li jinqalgħu, b'nies f'diversi stadji ta' taħriġ biex il-kontinwità tkun assigurata.

(ii) Fi spirtu ta' djalogu intensiv mal-professjonisti kollha u fi spirtu ta' kollaborazzjoni u servizz, il-Knisja – speċjalment permezz tal-lajċi – tieħu sehem f'kunsilli, kummissjonijiet u organi oħra governattivi skond il-kompetenza tagħha u fejn hemm interess komuni bejn l-Istat u l-Knisja. Il-Knisja jeħtieġ li tagħti l-kontribut tagħha proprju fejn qed jittieħdu deċiżjonijiet ta' importanza għall-bniedem. Il-lajċi jeħtieġ li jkunu nies impenjati, integri, b'viżjoni awtentikament nisranija, u ffurmati tajjeb biex jagħtu l-kontribut li hu speċifiku tagħhom fis-soċjetà. Dan diġà qed iseħħ f'diversi oqsma iżda jeħtieġ li jissaħħaħ. Jeħtieġ isir sforz biex jiġu identifikati, inkuraġġiti u mrawma nies li ma jibqgħux lura milli jagħtu sehemhom f'dan il-qasam importanti.

(iii) Il-parroċċi jaddottaw *approach* li jagħraf jindirizza l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem ta' llum u jservu ta' fulkru biex jinbnew komunitajiet ta' fidi ħajja, aktar umani u aktar insara, li jinteressaw ruħhom f'kulħadd u jilqgħu lil kulħadd, u fuq kollox li jevanġelizzaw b'ħajjithom u ħidmiethom. L-iskop u l-ħidma tas-Segretarjat għall-Ħajja u l-Ħidma fil-Parroċċi għandhom jgħinu f'dan ir-rigward.

## Ħarsa 'l quddiem

85

Fil-bidu tat-tielet millennju, il-Knisja f'Malta tħares lejn il-kultura tal-poplu Malti bħala waħda mid-dimensjonijiet fundamentali għall-kura pastorali. F'dan iż-żmien ta' bidla mgħaġġla u quddiem l-isfidi qawwija li toffri din il-kultura, il-Knisja f'Malta, bħal Pawlu missierha fl-Arjopagu, tfittex u tara kif tikxef modi ġodda ta' kif tidħol fil-kultura bil-messaġġ ta' l-Evanġelju sabiex bħall-ħmira tittrasformaha minn ġewwa u mill-qiegħ.

Din hi ħidma kbira u ħidma qaddisa għax hi t-twettiq tal-ħidma redentiva li beda Alla nnifsu. Bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu li jagħtiha d-dawl u l-qawwa f'ħidmietha, fuq it-Triq li wrieha Kristu, tasal għand il-Missier.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 14 - 9*